



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.5.2018
COM(2018) 364 final

PART 1/2

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-KUMITAT
EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2018

1. INTRODUZZJONI

Sistemi ġudizzjarji effettivi għandhom rwol kruċjali biex jiddefendu l-istat tad-dritt u l-valuri li fuqhom hija msejsa l-UE. Fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2017, il-President tal-Kummissjoni Ewropea ddikjara b'mod ċar li *“L-istat tad-dritt mhuwiex fakultattiv fl-Unjoni Ewropea. Huwa imperattiv. L-istat tad-dritt ifisser li l-liġi u l-ġustizzja huma milqugħa minn ġudikatura indipendenti”* ⁽¹⁾. L-Ewwel Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, Frans Timmermans, issottolinja wkoll li *“Ir-rispett għall-istat tad-dritt mhuwiex biss prerekwiżit għall-protezzjoni tal-valuri fundamentali kollha elenkati fl-Artikolu 2. Huwa wkoll prerekwiżit għas-sostenn tad-drittijiet u l-obbligi li joħorġu mit-Trattati u mil-liġi internazzjonali, u għall-istabbiliment ta' fiduċja reċiproka taċ-ċittadini, in-negozji u l-awtoritajiet nazzjonali fis-sistemi legali tal-Istati Membri l-oħrajn”* ⁽²⁾.

L-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji huma essenzjali għall-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u għat-tishiġ tal-fiduċja reċiproka. Dawn jikkontribwixxu b'mod sinifikanti sabiex jinbena ambjent li jiffavorixxi l-investment u jinżamm it-tkabbir sostenibbli. Għalhekk, it-titjib fl-effettività tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali sar prijorità stabbilita sew tas-Semestru Ewropew — iċ-ċiklu annwali tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tal-UE. L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2018, li jidentifika l-prijoritajiet ekonomiċi u soċjali għall-UE u l-Istati Membri tagħha għas-sena segwenti, jirrikonoxxi, minn naħa waħda, ir-rabta bejn ambjent li jiffavorixxi n-negozju u min-naħa l-oħra, l-istat tad-dritt u t-titjib fl-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji ⁽³⁾.

Meta japplikaw id-dritt tal-Unjoni, il-qrati nazzjonali jaġixxu bħala qrati tal-UE u jiżguraw illi d-drittijiet u l-obbligi previsti skont id-dritt tal-Unjoni jiġu infurzati b'mod effettiv ⁽⁴⁾. L-eżistenza nnifisha ta' dik il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva, imfassla biex tiżgura konformità mad-dritt tal-Unjoni, hija l-essenza tal-istat tad-dritt. Fid-deċiżjoni riċenti tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ssottolinjat li sabiex tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja, l-indipendenza tal-qrati nazzjonali hija essenzjali ⁽⁵⁾. Minħabba li protezzjoni ġudizzjarja effettiva minn qrati indipendenti hija wkoll prekondizzjoni essenzjali għal ġestjoni finanzjarja soda, fit-2 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni pproponiet Regolament dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri ⁽⁶⁾.

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2018 (“it-Tabella ta' Valutazzjoni”) tiżviluppa l-ħarsa ġenerali tal-indikaturi li jikkonċernaw l-indipendenza, l-effiċjenza u l-kwalità tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali. B'mod partikolari, din l-edizzjoni:

- Tiżviluppa l-indikaturi dwar l-indipendenza ġudizzjarja, b'mod partikolari dwar il-Kunsilli għall-Ġudikatura u dwar l-involvement tal-eżekuttiv u tal-parlament fil-ħatra u t-tkeċċija tal-imħallfin u tal-presidenti tal-qrati.

¹ Id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2017 mogħti quddiem il-Parlament Ewropew fit-13 ta' Settembru 2017: http://europa.eu/rapid/press-release_SPEECH-17-3165_mt.htm

² Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni mill-Ewwel Viċi President Timmermans, dibattitu tal-Plenarja tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Frar 2018 dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex tattiva l-Artikolu 7(1) tat-TUE fir-rigward tas-sitwazzjoni fil-Polonja.

³ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2018 COM(2017) 690 final, p. 4

⁴ L-Artikolu 19 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

⁵ Sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juizes Portugueses vs Tribunal de Contas, C-64/16.

⁶ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, COM(2018) 324 final.

- Tiżviluppa t-taqsimiet dwar is-sistemi tal-ġustizzja kriminali billi tippreżenta *datadata* aġġornata dwar ir-reati kriminali relatati mal-ħasil tal-flus u tintroduċi xi indikaturi dwar l-organizzazzjoni tas-servizzi tal-prosekuzzjoni fl-Istati Membri.
- Tiżviluppa ulterjorment il-perspettiva tal-utenti aħħarin billi tippreżenta indikaturi dwar kif il-ħtiġijiet ta' gruppi speċifiċi ta' utenti tas-sistemi ġudizzjarji (pereżempju t-tfal, il-persuni neqsin mid-dawl, dawk li ma jitkellmux il-lingwa nattivva) qegħdin jitqiesu fl-għoti ta' informazzjoni pubblika dwar is-sistema ġudizzjarja, fit-taħriġ tal-imħallfin, u fl-istħarriġ tal-utenti tal-qrati jew tal-professjonisti legali. Din tippreżenta wkoll indikaturi dwar kif il-qrati jużaw il-midja soċjali biex jikkomunikaw dwar il-ħidma tagħhom.
- Tippreżenta ħarsa ġenerali ġdida tal-użu tal-fondi strutturali għar-riformi ġudizzjarji.
- Tippreżenta għall-ewwel darba *datadata* dwar it-tul tal-proċedimenti fl-istanzi kollha tal-qrati (l-ewwel, it-tieni u t-tielet istanza tal-qrati) għall-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi, kif ukoll kawżi amministrattivi.
- Tkompli l-eżaminazzjoni tal-istandards u tippreżenta eżaminazzjoni aktar fil-fond tal-perjodi ta' żmien bħala miri jew prattiki li jistgħu jitkejlu relatati mal-ġestjoni tal-ammont tal-kawżi tal-qrati u mal-prattiki magħżula b'rabta mal-ġestjoni tax-xoġhol b'lura.

Għalkemm għad ma mhemmx *data* dwar xi Stati Membri, id-diskrepanza fid-*data* qiegħda tkompli tonqos, b'mod partikolari għall-indikaturi dwar l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji. Il-kooperazzjoni b'suċċess bejn il-punti ta' kuntatt tal-Istati Membri fuq is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali u diversi kunitati u netwerks ġudizzjarji Ewropej kabbru d-*data* b'mod sinifikanti. Id-diffikultajiet li jifdal fil-ġbir tad-*data* sikwit ikunu dovuti għal kapaċità statistika insuffiċjenti jew għall-fatt li l-kategoriji nazzjonali li għalihom tinġabar id-*data* ma jikkorrespondux eżattament għal dawk użati għat-Tabella ta' Valutazzjoni. F'każijiet rari, id-diskrepanza fid-*data* hija dovuta għan-nuqqas ta' rieda ta' ċerti awtoritajiet nazzjonali biex jikkontribwixxu. Il-Kummissjoni ser tkompli tinkoraġġixxi lill-Istati Membri sabiex inaqqsu aktar din id-diskrepanza fid-*data*.

X'inhil t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE?

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE hija għodda komparattiva tal-informazzjoni li għandha l-għan li tassisti lill-UE u lill-Istati Membri biex itejbu l-effettività tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali tagħhom billi tipprovdi *data* oġġettiva, affidabbli u komparabbli dwar għadd ta' indikaturi rilevanti għall-valutazzjoni tal-kwalità, l-indipendenza u l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji fl-Istati Membri kollha. It-Tabella ta' Valutazzjoni ma tippreżentax klassifikazzjoni unika globali iżda ħarsa ġenerali lejha kif jiffunzjonaw is-sistemi ġudizzjarji kollha, abbażi ta' diversi indikaturi li huma ta' interess komuni għall-Istati Membri kollha.

It-Tabella ta' Valutazzjoni ma tippromwovi ebda tip partikolari ta' sistema ġudizzjarja u tittratta lill-Istati Membri kollha b'mod ugwali.

L-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza huma parametri essenzjali ta' sistema ġudizzjarja effettiva, ikun xi jkun il-mudell tas-sistema ġudizzjarja nazzjonali jew it-tradizzjoni legali li fiha tkun ankrata. Il-figuri dwar dawn it-tliet parametri għandhom jinqraw flimkien, għaliex it-tliet elementi huma meħtieġa għall-effettività ta' sistema ġudizzjarja u ta' spiss huma marbutin flimkien (inizjattivi li għandhom l-għan li jtejbju xi wieħed minnhom jistgħu jkollhom influwenza fuq l-ieħor).

It-Tabella ta' Valutazzjoni tiffoka primarjament fuq kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi, kif ukoll fuq kawżi amministrattivi sabiex tgħin lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex joħolqu ambjent li jiffavorixxi aktar lill-investment, lin-negozji u liċ-ċittadini. It-Tabella ta' Valutazzjoni hija għodda komparattiva li tevolvi fi djalogu mal-Istati Membri u l-Parlament

Ewropew ⁽⁷⁾. L-għan tagħha huwa li tidentifika l-parametri essenzjali ta' sistema ġudizzjarja effettiva.

X'inhi l-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE?

It-Tabella ta' Valutazzjoni tuża diversi sorsi ta' informazzjoni. Il-biċċa l-kbira tad-*data* kwantitattiva hija provduta mill-Kummissjoni Ewropea għall-Effikaċja tal-Ġustizzja (CEPEJ) li permezz tagħha l-Kummissjoni kkonkludiet kuntratt biex twettaq studju speċifiku annwali. Din id-*data* hija mifruxa bejn l-2010 u l-2016 u għet mogħtija mill-Istati Membri skont il-metodoloġija tas-CEPEJ. L-istudju jipprovdi wkoll kummenti dettaljati u skedi informattivi speċifiċi għall-pajjiż li jagħtu aktar kuntest. Dawn għandhom jinqraw flimkien mal-figuri ⁽⁸⁾.

Id-*data* dwar it-tul tal-proċedimenti miġbura miċ-CEPEJ turi “ż-żmien għat-tlestija” li huwa t-tul kalkolat tal-proċedimenti tal-qorti (ibbażat fuq proporzjon bejn il-kawżi pendenti u dawk magħluqa). Id-*data* dwar l-effiċjenza tal-qorti fl-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni turi illi t-tul medju tal-proċedimenti ġej mit-tul attwali tal-kawżi tal-qorti. Għandu jiġi nnotat li t-tul tal-proċedimenti tal-qorti jista' jvarja sostanzjalment f'termini ġeografiċi fi Stat Membru, b'mod partikolari f'ċentri urbani fejn l-attivitajiet kummerċjali jistgħu jwasslu għal ammont akbar ta' kawżi.

Sorsi oħrajn tad-*data* huma: il-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali, ⁽⁹⁾ in-Netwerk Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura (ENCJ),⁽¹⁰⁾ in-Netwerk tal-Presidenti tal-Qorti Ġudizzjarji Supremi tal-UE (NPSJC) ⁽¹¹⁾, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli tal-Istat u tal-Ġurisdiżżjonijiet Amministrattivi Supremi tal-UE (ACA-Europe) ⁽¹²⁾, in-Netwerk Ewropew għall-Kompetizzjoni (NEK) ⁽¹³⁾, il-Kumitat tal-Komunikazzjoni (COCOM) ⁽¹⁴⁾, l-Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali ⁽¹⁵⁾, in-Netwerk tal-Kooperazzjoni għall-Ħarsien tal-Konsumatur (CPC) ⁽¹⁶⁾, il-Grupp ta' Esperti dwar il-Ħasil

⁷ Il-Parlament Ewropew qiegħed iħejji rapport dwar it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2017 li ser jagħti tagħrif dwar it-tħejji tal-edizzjonijiet futuri tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-UE.

⁸ https://ec.europa.eu/info/strategy/justice-and-fundamental-rights/effective-justice/eu-justice-scoreboard_en

⁹ Fid-dawl tat-tħejji tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE u għall-promozzjoni tal-iskambju tal-aħjar prattiki dwar l-effettività tas-sistemi ġudizzjarji, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri biex jaħtru żewġ persuni ta' kuntatt, waħda mill-ġudikatura u l-oħra mill-ministeru tal-ġustizzja. Qegħdin isiru laqgħat regolari ta' dan il-grupp informali.

¹⁰ L-ENCJ tgħaqquad lill-istituzzjonijiet nazzjonali fl-Istati Membri li huma indipendenti mill-eżekuttiv u l-leġislatura, u li huma responsabbli għall-appoġġ tal-ġudikaturi fit-twassil indipendenti tal-ġustizzja: <https://www.encj.eu/>

¹¹ L-NPSJC jipprovdi forum li bih l-istituzzjonijiet Ewropej jingħataw l-opportunità li jitolbu l-opinjoni tal-Qorti Supremi u biex jingħaqdu aktar mill-qrib billi jħeġġu d-diskussjoni u l-iskambju tal-ideat. <http://network-presidents.eu/>

¹² L-ACA-Europa hija fformata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE u mill-Kunsill tal-Istat jew mill-ġurisdiżżjonijiet amministrattivi Supremi ta' kull wieħed mill-Istati Membri: <http://www.juradmin.eu/index.php/en/>

¹³ In-NEK kien stabbilit bħala forum għad-diskussjoni u l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet Ewropej għall-kompetizzjoni f'każijiet fejn jiġu applikati l-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. In-NEK huwa l-qafas għall-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni mill-qrib tar-Regolament tal-Kunsill 1/2003. Permezz tan-Netwerk Ewropew għall-Kompetizzjoni, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fl-Istati Membri tal-UE jikkoperaw ma' xulxin: http://ec.europa.eu/competition/ecn/index_en.html

¹⁴ COCOM huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE. Ir-rwol ewlieni tiegħu huwa li jipprovdi opinjoni dwar l-abbozz ta' miżuri li l-Kummissjoni għandha l-ħsieb tadotta: <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/communications-committee>

¹⁵ L-Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali huwa netwerk ta' esperti u speċjalisti kkonċernati. Huwa magħmul minn rappreżentanti tas-settur pubbliku u privat, li jikkollaboraw fi gruppi ta' ħidma attivi. <https://euipo.europa.eu/ohimportal/en/web/observatory/home>

¹⁶ Iċ-CPC huwa netwerk ta' awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet għall-protezzjoni tal-konsumaturi fil-pajjiżi tal-UE u taż-ŻEE: http://ec.europa.eu/internal_market/scoreboard/performance_by_governance_tool/consumer_protection_cooperation_network/index_mt.htm

tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu (EGMLTF) ⁽¹⁷⁾, il-Eurostat ⁽¹⁸⁾, in-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN) ⁽¹⁹⁾, il-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati (CCBE) ⁽²⁰⁾ u l-Forum Ekonomiku Dinji (WEF) ⁽²¹⁾.

Il-metodoloġija għat-Tabella ta' Valutazzjoni ġiet żviluppata aktar b'kooperazzjoni mill-qrib mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali, b'mod partikolari permezz ta' kwestjonarju u għbir ta' data dwar ċerti aspetti tal-funzjonament tas-sistemi ġudizzjarji.

It-tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE kif tikkontribwixxi għas-Semestru Ewropew?

It-Tabella ta' Valutazzjoni tipprovdi elementi għall-valutazzjoni tal-kwalità, l-indipendenza u l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali u b'hekk timmira li tgħin lill-Istati Membri jtejbju l-effettività tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali tagħhom. Din tagħmilha aktar faċli sabiex jiġu identifikati n-nuqqasijiet u l-aħjar prattiki u sabiex jinżamm kont tal-isfidi u tal-progress. Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-valutazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jsiru permezz ta' djalogu bilaterali mal-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati. Din il-valutazzjoni hija bbażata wkoll fuq analiżi kwalitattiva u tqis il-karatteristiċi tas-sistema legali u l-kuntest tal-Istati Membri kkonċernati. Din tista' twassal lill-Kummissjoni biex tipproponi sabiex il-Kunsill jadotta *rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż* dwar it-titjib tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali.

Għaliex sistemi ġudizzjarji effettivi huma rilevanti għas-Semestru Ewropew?

L-impatt ekonomiku pożittiv tas-sistemi ġudizzjarji li jiffunzjonaw tajjeb jiġġustifika wkoll dawn l-isforzi. Studju li sar fl-2017 miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka jidentifika korrelazzjonijiet bejn it-titjib fl-effiċjenza tal-qorti u r-rata ta' tkabbir tal-ekonomija u bejn il-perċezzjoni tan-negozji tal-indipendenza ġudizzjarja u t-tkabbir fil-produttività ⁽²²⁾. Fejn is-sistemi ġudizzjarji jiggarrantixxu l-infurzar tad-drittijiet, ikun aktar probabbli li l-kredituri jsellfu l-flus, in-negozji jkunu dissważi minn imġiba opportunistika, l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet jonqsu u jkun ukoll aktar probabbli li n-negozji innovattivi jinvestu.

L-importanza tal-effikaċja tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, small and medium-sized enterprises) ġiet enfasizzata fi sħarriġ tal-2015 ta' kważi 9 000 SME Ewropea dwar l-innovazzjoni u d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali (IPR - intellectual property rights) ⁽²³⁾. L-istħarriġ sab b'mod partikolari illi l-ispiża u t-tul eċċessiv

¹⁷ L-EGMLTF jiltaqa' regolarment biex jaqsam il-fehmiet tiegħu u jgħin lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi politika u tfassal leġiżlazzjoni ġdida dwar il-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu: http://ec.europa.eu/justice/civil/financial-crime/index_en.htm

¹⁸ Il-Eurostat huwa l-uffiċċju tal-istatistika tal-UE: <http://ec.europa.eu/eurostat/about/overview>

¹⁹ L-EJTN huwa l-pjattaforma prinċipali u l-promotur għat-taħriġ u l-iskambju ta' għarfien tal-ġudikatura Ewropea. Huwa jiżviluppa standards u kurrikuli ta' taħriġ, jikkoordina skambji u programmi ta' taħriġ ġudizzjarju, ixerred għarfien espert dwar it-taħriġ u jipromwovi l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tat-taħriġ ġudizzjarju tal-UE. L-EJTN għandu 34 membru li jirrappreżentaw lill-Istati tal-UE, kif ukoll korpi transnazzjonali tal-UE. <http://www.ejtn.eu/>

²⁰ Is-CCBE huwa assoċjazzjoni internazzjonali mingħajr skop ta' qligħ li tirrappreżenta l-għaqdiet Ewropej tal-avukati. L-isħubija fil-CCBE tinkludi l-kmamar u l-assoċjazzjonijiet tal-avukati ta' 45 pajjiż mill-UE, iż-ŻEE u l-Ewropa b'mod aktar usa': <http://www.ccbe.eu/>

²¹ Il-WEF hija Organizzjoni Internazzjonali għall-Kooperazzjoni Pubblika-Privata, li l-membri tagħha huma kumpaniji: <https://www.weforum.org/>

²² Vincenzo Bove u Leandro Elia; "The judicial system and economic development across EU Member States" (Is-sistema ġudizzjarja u l-iżvilupp ekonomiku fost l-Istati Membri tal-UE), Rapport Tekniku tal-JRC, EUR 28440 EN, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE, il-Lussemburgu, 2017: http://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/bitstream/JRC104594/jrc104594_2017_the_judicial_system_and_economic_development_across_eu_member_states.pdf

²³ L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-UE (EUIPO), Proprjetà Intellettwali (IP) Tabella ta' Valutazzjoni tal-SMEs għall-2016.

tal-proċedimenti ġudizzjarji kienu fost ir-raġunijiet ewlenin għalfejn ma nbdewx proċedimenti tal-qorti minħabba ksur tal-IPR. L-impatt benefiċjarju ta' sistemi ġudizzjarji nazzjonali li jiffunzjonaw tajjeb għall-ekonomija hu enfasizzat f'firxa ta' letteratura u riċerka ⁽²⁴⁾, inkluż mill-Fond Monetarju Internazzjonali ⁽²⁵⁾, il-Bank Ċentrali Ewropew ⁽²⁶⁾, l-OECD ⁽²⁷⁾, il-Forum Ekonomiku Dinji ⁽²⁸⁾, u l-Bank Dinji ⁽²⁹⁾.

2. KUNTEST: IR-RIFORMI ĠUDIZZJARJI JRIDU JIRRISPETTAW L-ISTAT TAD-DRITT

L-UE ilha tħeġġeġ lill-Istati Membri mill-2013 sabiex itejbu l-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja tagħhom. Ir-riformi m'għandhomx jitwettqu għall-fini ta' riforma, iżda b'mod li jirrispetta l-istat tad-dritt u jikkonforma ma' standards Ewropej dwar l-indipendenza ġudizzjarja.

2.1. Ir-riformi ġudizzjarji għadhom għaddejnin f'bosta Stati Membri

Fl-2017, għadd kbir ta' Stati Membri ssoktaw bl-isforzi tagħhom sabiex itejbu l-effettività tas-sistemi ġudizzjarji tagħhom. Il-Figura 1 tippreżenta ħarsa ġenerali lejn ir-riformi ġudizzjarji adottati u dawk previsti. Hija preżentazzjoni fattwali ta' "min jagħmel xiex", mingħajr evalwazzjoni kwalitattiva.

²⁴ Alves Ribeiro Correia/Antas Videira, "Troika's Portuguese Ministry of Justice Experiment: An Empirical Study on the Suċċess Story of the Civil Enforcement Actions" (L-Esperiment tal-Ministru tal-Ġustizzja Portugiż ta' Trojka: Studju empiriku dwar l-Istorja ta' Suċċess tal-Azzjonijiet ta' Infurzar Ċivili), fil-Ġurnal Internazzjonali għall-Amministrazzjoni tal-Qorti, Vol. 7, Nru 1, Lulju 2015 jaffermaw is-suċċess tar-riformi mfasslin fil-Portugall.

²⁵ FMI, "Inkattru t-Tkabbir Ekonomiku fl-Ewropa Issa", it-18 ta' Ġunju 2012.

²⁶ BĊE, "Adjustment and growth in the euro area" (Aġġustament u tkabbir fiż-żona tal-euro), 16 ta' Mejju 2013: <http://www.ecb.europa.eu/press/key/date/2013/html/sp130516.en.html>

²⁷ Ara pereżempju "What makes civil justice effective?" (X'jagħmel lill-ġustizzja ċivili effettiva?), Noti tal-Politika tad-Dipartiment tal-Ekonomija OECD, Nru 18 ta' Ġunju 2013 u "The Economics of Civil Justice: New Cross-Country Data and Empirics" (L-Ekonomija tal-Ġustizzja Ċivili: Data u Empiriċi Ġodda Transnazzjonali) Dokumenti ta' Ħidma tad-Dipartiment tal-Ekonomija tal-OECD, Nru 1060.

²⁸ Il-Form Ekonomiku Dinji, "The Global Competitiveness Report; 2013-2014" (Ir-Rapport dwar il-Kompetittività Globali: 2013-2014) http://www3.weforum.org/docs/WEF_GlobalCompetitivenessReport_2013-14.pdf

²⁹ Il-Bank Dinji, "Doing Business 2014": http://www.doingbusiness.org/reports/global-reports/~/_media/GIAWB/Doing%20Business/Documents/Annual-Reports/English/DB14-Chapters/DB14-Enforcing-contracts.pdf

Figura 1: Attività leġiżlattiva u regulatorja li tikkonċerna s-sistemi ġudizzjarji fl-2017 (miżuri/inizjattivi adottati li qegħdin jiġu nnegożjati għal kull Stat Membru) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea⁽³⁰⁾)




Figura 1 turi li l-liġi proċedurali tibqa' qasam ta' fokus partikolari f'bosta Stati Membri u li ġew adottati jew imħabbra ammont sinifikanti ta' riformi ġodda għall-iżvilupp ulterjuri tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), għal aktar metodi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR), għajnuna legali, riformi tal-mapep ġudizzjarji u leġiżlazzjoni dwar l-imħallfin u l-professionijiet legali. Tqabbil mat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-2017 juri li l-livell ta' attività żdied ulterjorment, kemm għar-riformi adottati kif ukoll għall-miżuri pplanati għall-futur. Dan jeħtieġ li jiġi stabbilit abbażi tal-fatt li r-riformi ġudizzjarji jieħdu ż-żmien – xi drabi bosta snin mill-ewwel tħabbira ta' riformi ġodda sal-adozzjoni ta' miżuri leġiżlattivi u regulatorji u l-implimentazzjoni attwali tagħhom.

2.2. Monitoraġġ tar-riformi ġudizzjarji fil-livell tal-UE

Fil-livell tal-UE, qegħdin jintużaw għadd ta' strumenti u mekkaniżmi mill-Kummissjoni sabiex jiġu mmonitorjati l-isforzi għar-riformi mwettqa mill-Istati Membri. Dan isir f'kooperazzjoni mill-qrib man-Netzwerk Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura, man-Netzwerk tal-Presidenti tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-Unjoni Ewropea u mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli tal-Istat u tal-Ġurisdizzjoni Amministrattivi Supremi tal-UE.

– *Monitoraġġ permezz tas-Semestru Ewropew* –

Is-Semestru Ewropew huwa ċ-ċiklu annwali tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u fiskali tal-UE u parti mill-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE. Ir-riforma ġudizzjarja hija prijorità stabbilita sew tar-riformi strutturali mħeġġa permezz tas-Semestru Ewropew. Din il-prijorità tirriżulta mill-fatt li l-istat tad-dritt u t-titjib fl-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji huma kruċjali għal ambjent li jiffavorixxi n-negożju⁽³¹⁾.

³⁰ L-informazzjoni inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali għal 26 Stat Membru. Ir-Renju Unit ma sottomettix informazzjoni. DE spjegat li bħalissa qed isiru għadd ta' riformi fir-rigward tal-ġudikatura, fejn il-kamp ta' applikazzjoni u l-iskala tal-proċess tar-riformi jistgħu jvarjaw fi ħdan is-16-il stat federali.

³¹ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2018, 22 ta' Novembru 2017, COM/2017/0690 final.

Iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew jibda kull sena f'Novembru meta l-Kummissjoni tippreżenta l-prijoritajiet tagħha għas-sena li jmiss (Komunikazzjoni dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir). F'Marzu, is-servizzi tal-Kummissjoni jippreżentaw valutazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jkopru l-kwistjonijiet kollha ttrattati mis-Semestru fir-Rapporti tal-Pajjiżi. F'Mejju, il-Kummissjoni tippreżenta l-proposti tagħha għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li jiġu indirizzati mill-Istati Membri. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jiġu adottati mill-Kunsill f'Lulju wara li jkunu ġew approvati mill-Kunsill Ewropew.

Il-monitoraġġ tar-riformi ġudizzjarji jiddependi fuq żewġ għodod: (i) l-għodda komparattiva, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE, u (ii) il-valutazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, ir-Rapporti tal-Pajjiżi, li jikkontestwalizzaw u jqisu l-karatteristiċi tas-sistemi legali tal-Istati Membri kkonċernati. Il-valutazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jsiru permezz ta' djalogu bilaterali mal-awtoritajiet nazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati. L-eżitu kkombinat ta' dawn iż-żewġ għodod jista' jwassal lill-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill sabiex jadotta rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar it-titjib tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali.

Fis-Semestru Ewropew tal-2017, fuq proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill bagħat rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż lil ħames Stati Membri relatati mas-sistema ġudizzjarja tagħhom⁽³²⁾. Minbarra dawk l-Istati Membri soġġetti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, hdx-il Stat Membru ieħor għadhom qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' sfidi partikolari u qegħdin jiġu ssorveljati mill-Kummissjoni permezz tas-Semestru Ewropew⁽³³⁾. Għandu jiġi nnotat ukoll li r-riformi ġudizzjarji fil-Greċja qegħdin jiġu mmonitorjati mill-qrib fil-kontest tat-Tielet Programm ta' Aġġustament Ekonomiku għall-Greċja.

L-Istati Membri jistgħu jibbenefikaw ukoll mill-appoġġ tekniku tal-Kummissjoni permezz tas-Servizz ta' Appoġġ għar-Riforma Strutturali. Fl-2017, disa' Stati Membri⁽³⁴⁾ rċievew jew talbu appoġġ tekniku minn dan is-servizz, pereżempju dwar l-effiċjenza tas-sistema tal-amministrazzjoni tal-qorti, ir-riforma tal-mappa ġudizzjarja, dwar it-tfassil jew l-implimentazzjoni tal-programmi tal-ġustizzja elettronika u dwar l-għażla u l-proċess ta' promozzjoni għall-imħallfin. F'Diċembru 2017, il-Kummissjoni ppreżentat ukoll għodda għat-twassil tar-riforma biex tappoġġja l-isforzi għar-riforma tal-Istati Membri abbażi tal-isfidi identifikati fil-proċess tas-Semestru Ewropew.

– Il-Qafas tal-Istat tad-Dritt –

Lil hinn mill-monitoraġġ regolari tar-riformi ġudizzjarji fil-kontest tas-Semestru Ewropew, fl-2014 il-Kummissjoni stabbilixxiet mekkaniżmu ta' kriżi biex tindirizza t-theddid sistemiku

³² HR, IT, CY, PT, SK. Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Kroazja għall-2017 u l-għoti ta' opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Kroazja tal-2017, (2017/C 261/08); Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-Italja tal-2017 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabilità tal-Italja tal-2017, (2017/C 261/11); Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm ta' Riforma Nazzjonali ta' Ċipru tal-2017 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabilità ta' Ċipru tal-2017, (2017/C 261/12); Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tal-Portugall tal-2017 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabilità tal-Portugall tal-2017, (2017/C 61/21); Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2017 dwar il-Programm ta' Riforma Nazzjonali tas-Slovakkja tal-2017 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabilità tas-Slovakkja tal-2017, (2017/C 261/24).

³³ BE, BG, IE, ES, LV, HU, MT, PL, RO, SI. Dawn l-isfidi kienu riflessi fil-premessi tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi u fir-rapporti tal-pajjiżi li jirrigwardjaw lil dawn l-Istati Membri. Ir-rapporti tal-pajjiżi tal-2018 l-aktar riċenti huma disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/info/publications/2018-european-semester-country-reports_mt

³⁴ BG, EE, EL, ES, HR, CY, MT, PT u SK.

għall-Istat tad-Dritt fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri tal-UE-28 ⁽³⁵⁾. Dan il-Qafas tal-Istat tad-Dritt jippermetti lill-Kummissjoni tidħol fi djalogu mal-Istat Membru kkonċernat sabiex jiġi evitat li t-treddid sistemiku għall-istat tad-dritt jiskala. L-iskop tal-Qafas huwa li jippermetti lill-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri kkonċernati jsibu soluzzjoni sabiex jipprevjenu li tinħoloq theddida sistemika għall-istat tad-dritt li tista' tiżviluppa f' sitwazzjoni li potenzjalment tista' tiskatta l-użu tal-“Artikolu 7 Proċedura”.

Il-Kummissjoni nediet djalogu mal-awtoritajiet Pollakki f' Jannar 2016 skont il-Qafas tal-Istat tad-Dritt. Minkejja t-tliet Rakkomandazzjonijiet dwar l-Istat tad-Dritt u l-isforzi ripetuti, għal kważi sentejn, sabiex l-awtoritajiet Pollakki jiġu involuti fi djalogu kostruttiv fil-kuntest tal-Qafas tal-Istat tad-Dritt, fl-20 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm riskju ċar ta' ksur serju tal-istat tad-dritt fil-Polonja. Il-Kummissjoni adottat ir-raba' Rakkomandazzjoni dwar l-Istat tad-Dritt fir-rigward tal-istat tad-dritt fil-Polonja, li ppreżentat it-tħassib tal-Kummissjoni u rakkomandat kif jista' jiġi indirizzat dan it-tħassib ⁽³⁶⁾. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll lill-Kunsill biex jadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar id-determinazzjoni ta' riskju ċar ta' ksur serju tal-istat tad-dritt ⁽³⁷⁾.

– Il-Mekkaniżmi għall-Kooperazzjoni u l-Verifika –

Il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika (MKV) twaqqaf waqt l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea fl-2007 ⁽³⁸⁾ sabiex jindirizza nuqqasijiet fir-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u, għall-Bulgarija, il-kriminalità organizzata. Minn dak iż-żmien 'l hawn, ir-rapporti tal-MKV ippruvaw jgħinu biex jiffukaw l-isforzi tal-awtoritajiet Rumani u Bulgari permezz ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi u segwew il-progress li sar ⁽³⁹⁾. Kif issottolinjat mill-Kunsill ⁽⁴⁰⁾, l-MKV ser jintemm meta l-punti ta' riferiment kollha li japplikaw għall-Bulgarija u għar-Rumanja rispettivament jiġu ssodisfati b'mod sodisfaċenti.

Fir-rapport dwar il-MKV ta' Jannar 2017, il-Kummissjoni għamlet evalwazzjoni ta' għaxar snin ta' MKV b'ħarsa ġenerali lejn il-kisbiet, l-isfidi li kien għad fadal, u stipulat il-passi ewlenin li fadal meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet tal-MKV. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għamlet rakkomandazzjonijiet ewlenin li jekk jiġu segwiti se jwasslu għall-konklużjoni tal-proċess tal-MKV, ħlief f'każ li l-iżviluppi jreġġgħu lura b'mod ċar il-progress. Ir-rapport enfażizza l-fatt li l-ħeffa tal-proċess tiddependi fuq kemm iridu żmien ir-

³⁵ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014, “Qafas ġdid tal-UE biex Jissaħħa l-Istat tad-Dritt”, COM(2014) 158 final/2. Ara wkoll l-istqarrija għall-istampa IP-14-237, 11 ta' Marzu 2014, disponibbli fuq: http://europa.eu/rapid/press-release_IP-14-237_mt.htm

³⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1520 tas-26 ta' Lulju 2017 dwar l-istat tad-dritt fil-Polonja, ĠU L 228, 2.9.2017, p. 19; Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/103 tal-20 ta' Diċembru 2017 dwar l-istat tad-dritt fil-Polonja, ĠU L 17, 23.1.2018, p. 50. Ara wkoll IP/17/2161 u IP/17/5367.

³⁷ COM(2017) 835 final.

³⁸ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri, is-17 ta' Ottubru 2006 (13339/06); Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress fil-Bulgarija li jindirizza parametri referenzjarji speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, (notifikata taħt id-dokument numru C(2006) 6570).

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri, is-17 ta' Ottubru 2006 (13339/06); Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li twaqqaf mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, it-13 ta' Diċembru 2006 (C (2006) 6569 final).

³⁹ https://ec.europa.eu/info/strategy/justice-and-fundamental-rights/effective-justice/rule-law/assistance-bulgaria-and-romania-under-cvm/reports-progress-bulgaria-and-romania_en

⁴⁰ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-MKV.

Rumanija u l-Bulgarija biex ikunu jistgħu jwettqu r-rakkomandazzjonijiet b'mod irreversibbli, u anke fuq il-fatt li dawn iridu jevitaw passi negattivi li jittgħu dubju fuq il-progress li sar fl-aħħar 10 snin.

– *Proċedimenti ta' ksur* –

Il-Kummissjoni hija impenjata li tiegħu passi fejn il-liġi nazzjonali tipprevjeni lis-sistemi ġudizzjarji nazzjonali milli jiżguraw li d-dritt tal-Unjoni jiġi applikat b'mod effettiv f'konformità mar-reqwiziti tal-istat tad-dritt u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ⁽⁴¹⁾.

F'dan il-kuntest, f'Diċembru tal-2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirreferi lill-Gvern Pollakk quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għal ksur tad-dritt tal-Unjoni mil-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji. L-ewwel nett, din il-proċedura ta' ksur tirrelata mad-diskriminazzjoni abbażi tas-sess minħabba l-introduzzjoni ta' etajiet ta' rtirar differenti għall-imħallfin nisa (60 sena) u għall-imħallfin irġiel (65 sena). Dan imur kontra l-Artikolu 157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u d-Direttiva 2006/54 dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-impjiegi. It-tieni, il-proċedura ta' ksur tirrelata mal-indipendenza tal-qrati Pollakki li hija mminata mis-setgħa diskrezzjonali mogħtija lill-Ministru tal-Ġustizzja biex itawwal il-mandat tal-imħallfin li laħqu l-età mnaqqsa tal-irtirar (ara l-Artikolu 19(1) tat-TUE flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali) ⁽⁴²⁾.

L-importanza għall-Istati Membri biex jiżguraw l-indipendenza tal-qrati nazzjonali, bħala kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni, ġiet enfasizzata mill-kawża riċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja li ssemmiet hawn fuq ⁽⁴³⁾ u minn talba riċenti għal deċizzjoni preliminari mill-Qorti Għolja Irlandiża lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar Mandat ta' Arrest Ewropew maħruġ fil-Polonja ⁽⁴⁴⁾.

2.3. Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej jappoġġjaw is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali

Il-Kummissjoni tappoġġja finanzjarjament ċerti riformi ġudizzjarji permezz tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE).

Mill-2007, 16-il Stat Membru użaw il-Fondi SIE biex itejbu l-effettività tas-sistemi ġudizzjarji tagħhom. Bejn l-2007 u l-2023, dawn l-Istati Membri ser ikunu nefqu aktar minn EUR 900 miljun biex iżidu l-effiċjenza u jtejjbu l-kwalità tas-sistemi ġudizzjarji tagħhom ⁽⁴⁵⁾. L-attivitajiet iffinanzjati jinkludu:

- it-titjib tal-proċessi tan-negozju fil-qrati billi jiġu introdotti sistemi ta' ġestjoni tal-kawżi jew strateġija tar-riżorsi umani;
- id-diġitalizzazzjoni tal-ġudikatura billi jiġu stabbiliti servizzi elettroniċi għaċ-ċittadini u għan-negozji;
- l-għoti ta' taħriġ lill-persunal tal-qrati u s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom.

⁴¹ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Id-dritt tal-Unjoni: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar (2017/C 18/02).

⁴² http://europa.eu/rapid/press-release_IP-17-5367_en.pdf

⁴³ Sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juizes Portugueses vs Tribunal de Contas, C-64/16.

⁴⁴ Kawża C-216/18 (PPU) Ministru għall-Ġustizzja u l-Ugwaljanza: <https://goo.gl/tcQb9n>

⁴⁵ Id-data ppreżentata hija bbażata fuq data li nġabret fil-ħarifa tal-2017. Peress li l-perjodu attwali ta' programmazzjoni għadu għaddej, l-ammont totali ddedikat għas-sistemi ġudizzjarji jista' jiżded u l-allokazzjonijiet għad-diversi tipi ta' attivitajiet jistgħu jinbidlu sat-tmiem tal-perjodu ta' programmazzjoni.

Il-Figura 2 t'hawn taħt turi li l-attivitajiet tal-Fondi SIE ġew raggruppati b'mod wiesa' f'kategoriji li jirriflettu l-oġġettivi tal-proġetti. Ta' spiss, proġett individwali kopra diversi tipi ta' attivitajiet (pereżempju metodi ADR/ODR, Diġitalizzazzjoni u ICT, u taħriġ). L-attività l-aktar importanti finanzjarjament kienet id-diġitalizzazzjoni u l-ICT tas-sistema ġudizzjarja li għaliha 14-il Stat Membru minn 16 allokaw fondi. Sa nofs l-2017, il-Kroazja u Malta biss kienu għadhom ma allokaw l-ebda Fond SIE għad-diġitalizzazzjoni u l-ICT. Filwaqt li l-attivitajiet li jikkontribwixxu għat-titjib tal-proċessi interni u li jappoġġjaw it-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni kellhom importanza finanzjarja ferm inqas, l-għadd ta' Stati Membri li allokaw il-fondi kien madankollu sinifikanti (12 minn 16).

Figura 3 turi li l-maġġoranza tal-Istati Membri għażlu li jxerrdu l-Fondi SIE ddedikati għas-sistema ġudizzjarja fuq għadd ta' tipi differenti ta' attivitajiet, filwaqt li kienu biss ftit dawk li ffukaw fuq kategorija waħda. Spanja u l-Portugall allokaw il-fondi esklussivament għad-diġitalizzazzjoni u l-ICT u Malta u l-Kroazja għat-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni. Il-maġġoranza ta' dawk l-Istati Membri li attribwixxew sehem sinifikanti tal-Fondi SIE tagħhom għad-diġitalizzazzjoni u l-ICT huma fost dawk fejn l-avukati rrapportaw użu pjuttost frekwenti tal-ICT fi skambji bejn il-qrati u l-avukati ⁽⁴⁶⁾. Għall-kuntrarju, f'dawk l-Istati Membri b'allokazzjoni baxxa jew mingħajr allokazzjoni għad-diġitalizzazzjoni u l-ICT, l-użu tal-ICT għall-iskambji mal-qrati huwa limitat ħafna.

Il-Kummissjoni ser tagħti attenzjoni partikolari biex tiżgura li l-fondi tal-UE jintużaw b'mod adegwat għar-riformi xierqa f'konformità mal-istat tad-dritt. Il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza li jittieħed approċċ orjentat lejn ir-riżultati meta jiġu implimentati l-prijoritajiet tal-fondi u titlob lill-Istati Membri jevalwaw l-impatt tal-appoġġ mill-Fondi SIE.

Il-figuri t'hawn taħt juru l-ammonti li ntefqu u li ġew allokati għas-sistema ġudizzjarja mill-2007 ⁽⁴⁷⁾ fis-16-il Stat Membru li użaw il-Fondi SIE biex jappoġġjaw is-sistemi ġudizzjarji tagħhom.

⁴⁶ L-unika eċċezzjoni hija IT li allokati sehem limitat tal-Fondi SIE tagħha għad-diġitalizzazzjoni u l-ICT u, madankollu, l-avukati jirrapportaw użu frekwenti tal-ICT fl-iskambji mal-qrati.

⁴⁷ Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, il-figura turi l-ammonti li ntefqu. Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, il-figura turi l-ammonti li ġew allokati għas-sistema ġudizzjarja.

Figura 2: Appoġġ għas-sistemi ġudizzjarji mill-Fondi Strutturali skont l-oġettiv mill-2007 (f'miljun EUR) (sors: Studju mħejji għall-Kummissjoni Ewropea)





Figura 3: Appoġġ għas-sistemi ġudizzjarji mill-Fondi Strutturali skont l-oġettiv u l-Istat Membru mill-2007 (sors: Studju mħejji għall-Kummissjoni Ewropea)



3. IS-SEJBIET EWLENIN TAT-TABELLA TA' VALUTAZZJONI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UE GĦALL-2018

L-effiċjenza, il-kwalità u l-indipendenza huma l-parametri prinċipali għal sistema ġudizzjarja effettiva, u t-Tabella ta' Valutazzjoni tippreżenta indikaturi dwar it-tlieta li huma.

3.1. L-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji


It-Tabella ta' Valutazzjoni tippreżenta indikaturi għall-effiċjenza tal-proċedimenti fl-oqsma wiesgħa tal-kawżi ċivili, kummerċjali u amministrattivi u f'oqsma speċifiċi fejn l-awtoritajiet amministrattivi l-qradi japplikaw id-dritt tal-Unjoni⁴⁸.

⁴⁸ L-infurzar tal-deċiżjonijiet tal-qorti huwa importanti wkoll għall-effiċjenza ta' sistema ġudizzjarja. Madankollu, ma hemmx data komparabbli disponibbli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.

3.1.1. Żviluppi fl-ammont ta' kawżi


L-ammont ta' kawżi tas-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri huwa għoli iżda pjuttost stabbli, anke jekk dan ivarja b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri (Figura 4). Dan juri l-importanza ta' aktar sforzi biex jiżguraw l-effettività tas-sistema ġudizzjarja. Għall-ewwel darba, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2018 tippreżenta wkoll *data* dwar il-kawżi amministrattivi li jidħlu (Figura 6).

Figura 4: L-għadd ta' kawżi ċivili, kummerċjali, amministrattivi u oħrajn li jidħlu (*) (il-prim'istanza/għal kull 100 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ⁴⁹)



(*) Skont il-metodoloġija tas-CEPEJ, din il-kategorija tinkludi l-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi u mhux kontenzjużi kollha, il-kawżi tar-reġistru tal-artijiet u tan-negozju mhux kontenzjużi, kawżi tar-reġistru oħrajn, kawżi mhux kontenzjużi oħrajn, il-kawżi tal-liġi amministrattiva u kawżi mhux kriminali oħrajn. Bidliet fil-metodoloġija f'SK.


Figura 5: L-għadd ta' kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi li jidħlu (*) (il-prim'istanza/għal kull 100 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)



⁴⁹ Studju tal-2018 dwar il-funzjonament tas-sistemi ġudizzjarji fl-Istati Membri tal-UE, imwettqa mis-Segretarjat tas-CEPEJ għall-Kummissjoni: https://ec.europa.eu/info/strategy/justice-and-fundamental-rights/effective-justice/eu-justice-scoreboard_en

* Skont il-metodoloġija tas-CEPEJ, il-kawżi ċivili/kummerċjali kontenzjużi jikkonċernaw tilwim bejn il-partijiet, pereżempju, tilwim rigward kuntratti. Il-kawżi ċivili/kummerċjali mhux kontenzjużi jikkonċernaw proċedimenti mhux ikkontestati, pereżempju, ordnijiet ta' ħlas mhux ikkontestati. Bidliet fil-metodoloġija f'EL u SK. Id-data għal NL tinkludi l-kawżi mhux kontenzjużi.

Figura 6: L-għadd ta' kawżi amministrattivi li jidħlu (*) (il-prim'istanza/għal kull 100 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)



* Skont il-metodoloġija tas-CEPEJ, il-kawżi tal-liġi amministrattiva jikkonċernaw tilwim bejn iċ-ċittadini u l-awtoritajiet lokali, reġjonali jew nazzjonali. Bidliet fil-metodoloġija f'EL u SK. DK u IE ma jirreġistrawx il-kawżi amministrattivi separatament.

3.1.2. Data ġenerali dwar l-effiċjenza

L-indikaturi dwar l-effiċjenza tal-proċedimenti fl-oqsma wiesgħa tal-kawżi ċivili, kummerċjali u amministrattivi huma: it-tul tal-proċedimenti (iż-żmien għat-tlestija); ir-rata tal-għeluq tal-kawżi; u l-għadd ta' kawżi pendenti.


– It-tul tal-proċedimenti –

It-tul tal-proċedimenti jindika ż-żmien stmat (fi ġranet) meħtieġ biex tiġi riżolta kawża l-qorti, jiġifieri ż-żmien meħud mill-qorti biex tasal għal deċizzjoni fil-prim'istanza. L-indikatur taż-“żmien għat-tlestija” huwa n-numru ta' kawżi mhux riżolti diviż bin-numru ta' kawżi riżolti sa tmiem is-sena mmultiplikati bi 365 (jum) ⁽⁵⁰⁾. Prinċipalment, il-figuri jikkonċernaw proċedimenti fil-prim'istanza u jgħaddu, fejn disponibbli, data għall-2010, 2014, 2015 u 2016 ⁽⁵¹⁾. Iż-żewġ figuri juru ż-żmien għat-tlestija fl-2016 fil-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi u l-kawżi amministrattivi fl-istanzi kollha tal-qorti.

⁵⁰ It-tul tal-proċedimenti, ir-rata tal-għeluq tal-kawżi u n-numru ta' kawżi pendenti huma indikaturi standard definiti mis-CEPEJ: http://www.coe.int/t/dghl/cooperation/cepej/evaluation/default_en.asp


⁵¹ Is-snin intgħażlu sabiex tinżamm il-perspettiva ta' seba' snin, bis-sena 2010 tintuża bħala linja bażi, filwaqt li fl-istess ħin jiġi evitat iffollar żejjed tal-figuri. Data għall-2012 u l-2013 hija disponibbli fir-rapport tas-CEPEJ.

Figura 7: Iż-żmien meħtieġ biex jiġu riżolti kawżi ċivili, kummerċjali, amministrattivi u kawżi oħrajn(*) (il-prim'istanza/f'jiem) (sors: studju tas-CEPEJ)




* Skont il-metodoloġija tas-CEPEJ, din il-kategorija tinkludi l-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi u mhux kontenzjużi kollha, il-kawżi tar-reġistru tal-artijiet u tan-negozju mhux kontenzjużi, kawżi tar-reġistru oħrajn, kawżi mhux kontenzjużi oħrajn, il-kawżi tal-liġi amministrattiva u kawżi mhux kriminali oħrajn. Bidliet fil-metodoloġija f'SK. Il-kawżi pendenti jinkludi l-istanzi kollha f'CZ u, sal-2016, f'SK.

Figura 8: Iż-żmien meħtieġ biex jiġu riżolti kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi (*) (il-prim'istanza/f'jiem) (sors: studju tas-CEPEJ)




(*) Skont il-metodoloġija tas-CEPEJ, il-kawżi ċivili/kummerċjali kontenzjużi jikkonċernaw tilwim bejn il-partijiet, pereżempju, tilwim rigward kuntratti. Il-kawżi ċivili/kummerċjali mhux kontenzjużi jikkonċernaw proċedimenti mhux ikkontestati, pereżempju, ordnijiet ta' ħlas mhux ikkontestati. Bidliet fil-metodoloġija f'EL u SK. Il-kawżi pendenti jinkludi l-istanzi kollha f'CZ u, sal-2016, f'SK. Id-data għal NL tinkludi kawżi mhux kontenzjużi.

Figura 9: Iż-żmien meħtieġ biex ġew riżolti kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi (*) fl-istanzi kollha tal-qorti fl-2016 (l-ewwel, it-tieni u t-tielet istanza/f'jiem) (sors: studju tas-CEPEJ)




(*) L-ordni huwa ddeterminat skont l-istanza tal-qorti bl-itwal proċedimenti f'kull Stat Membru. Ma hemm l-ebda data disponibbli għall-qrati tal-ewwel u t-tieni istanza f'BE, BG u IE, għall-qrati tat-tieni u t-tielet istanza f'NL u AT, għall-qrati tat-tielet istanza f'DE, EL, HR u SK. L-ebda qorti tat-tielet istanza f'MT. L-aċċess għall-qorti tat-tielet istanza jista' jkun limitat f'xi Stati Membri.

Figura 10: Iż-żmien meħtieġ biex jiġu riżolti il-kawżi amministrattivi (*) (il-prim istanza/f'jiem) (sors: studju tas-CEPEJ)



(*) Il-kawżi tal-liġi amministrattiva jikkonċernaw tilwim bejn iċ-ċittadini u l-awtoritajiet lokali, reġjonali jew nazzjonali, skont il-metodoloġija tas-CEPEJ. Bidliet fil-metodoloġija f'EL u SK. Il-kawżi pendenti jinkludu l-istanzi kollha tal-qorti f'CZ u, sal-2016, f'SK. DK u IE ma jirreġistrawx il-kawżi amministrattivi separatament.

Figura 11: Iż-żmien meħtieġ biex għew riżolti kawżi amministrattivi (*) fl-istanzi kollha tal-qrati fl-2016 (il-prim'istanza u, fejn applikabbli, it-tieni u t-tielet istanza/f'jiem) (sors: studju tas-CEPEJ)




(*) L-ordni huwa ddeterminat skont l-istanza tal-qorti bl-itwal proċedimenti f'kull Stat Membru. Ma hemm l-ebda data disponibbli: għall-qorti tal-ewwel istanza f'LU, għall-qrati tat-tieni istanza f'MT u RO, u għall-qorti tat-tiolet istanza f'NL. Il-qorti suprema jew qorti oħra superjuri hija l-unika istanza ta' appell f'CZ, IT, CY, AT, SI u FI. L-ebda qorti tat-tiolet istanza għal dawn it-tipi ta' kawżi f'HR, LT, LU, MT u PL. L-ogħla Qorti Amministrattiva hija l-ewwel u l-unika istanza għal ċerti kawżi f'BE. L-aċċess għall-qorti tat-tiolet istanza jista' jkun limitat f'xi Stati Membri. DK u IE ma jirreġistrawx il-kawżi amministrattivi separatament.

– Ir-rata tal-għeluq tal-kawżi –


Ir-rata tal-għeluq tal-kawżi hija l-proporzjon tal-għadd ta' kawżi riżolti fuq l-għadd ta' kawżi deħlin. Hija tkejjel jekk qorti hijiex tlaħħaq mal-ammont ta' kawżi deħlin. Meta r-rata tal-għeluq tal-kawżi tkun madwar 100 % jew ogħla, dan ifisser li, s-sistema ġudizzjarja għandha l-kapaċità li tal-inqas issolvi daqstant kawżi bl-istess rata ta' dawk deħlin. Meta r-rata tal-għeluq tal-kawżi tkun taħt il-100 %, dan ifisser li l-qrati qegħdin isolvu inqas kawżi mill-ammont ta' kawżi deħlin.

Figura 12: Ir-Rata ta' rizzoluzzjoni ta' kawżi ċivili, kummerċjali, amministrattivi u oħrajn (*) (il-prim'istanza f'% — valuri ogħla minn 100 % jindikaw illi jiġu rizzolti aktar kawżi milli dawk li jidħlu, filwaqt li valuri taħt il-100 % jindikaw illi jiġu rizzolti inqas kawżi milli dawk li jidħlu) (sors: studju tas-CEPEJ)



(*) Bidliet fil-metodoloġija f'SK. L-IE: in-numru ta' kawżi rizzolti huwa mistenni li jkun inqas minħabba l-metodoloġija.

Figura 13: Ir-rata ta' rizzoluzzjoni ta' kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi (*) (il-prim'istanza/f%) (sors: studju tas-CEPEJ)



(*) Bidliet fil-metodoloġija f'EL u SK. IE: l-għadd ta' kawżi rizzolti huwa mistenni li jkun inqas minħabba l-metodoloġija. Id-data għal NL tinkludi l-kawżi mhux kontenzjużi.


Figura 14: Ir-rata ta' rizzoluzzjoni tal-kawżi amministrattivi (*) (l-ewwel istanza/f%) (sors: studju tas-CEPEJ)

(*) Il-valuri passati għal xi Stati Membri tnaqqsu għal skopijiet ta' preżentazzjoni (MT fl-2015=411 %; IT fl-2010=316 %); Bidliet fil-metodoloġija f'EL u SK. DK u IE ma jirreġistrawx il-kawżi amministrattivi separatament.

– Kawżi pendenti –


L-għadd ta' kawżi pendenti jindika l-għadd ta' kawżi li għadhom ma ġewx deċiżi sal-aħħar tas-sena kkonċernata. Dan jinfluwenza wkoll iż-żmien għat-tlestija.

Figura 15: L-għadd ta' kawżi ċivili, kummerċjali u amministrattivi u kawżi oħrajn pendenti (*) (il-prim istanza/għal kull 100 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)




(*) Bidliet fil-metodoloġija f'SK. Il-kawżi pendenti jinkludu l-istanzi kollha f'CZ u, sal-2016, f'SK.

Figura 16: L-għadd ta' kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi pendenti (*) (il-prim istanza/għal kull 100 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)



(*) Bidliet fil-metodoloġija f'EL u SK. Il-kawżi pendenti jinkludu l-istanzi kollha tal-qorti f'CZ u, sal-2016, f'SK. Id-data għal NL tinkludi kawżi mhux kontenzjużi.

Figura 17: L-għadd ta' kawżi amministrattivi pendenti (*) (il-prim'istanza/għal kull 100 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)



(*) Il-valuri passati għal xi Stati Membri tnaqqsu għal skopijiet ta' preżentazzjoni (EL fl-2010=3.7). Bidliet fil-metodoloġija f'EL u SK. Il-kawżi pendenti jinkludu l-istanzi kollha f'CZ u, sal-2016, f'SK. DK u IE ma jirreġistrawx il-kawżi amministrattivi separatament.

3.1.3. L-effiċjenza f'oqsma speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni

Din it-taqsimha tikkomplimenta d-data ġenerali dwar l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji u tippreżenta t-tul medju tal-proċedimenti (⁵²) f'oqsma speċifiċi meta jkun involut id-dritt tal-Unjoni. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-2018 tibni fuq id-data preċedenti fl-oqsma tal-kompetizzjoni, il-komunikazzjoni elettronika, it-trademark tal-UE, il-protezzjoni tal-konsumatur u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. L-oqsma jintgħażlu minħabba r-rilevanza tagħhom għas-suq uniku u għall-ambjent tan-negozju. B'mod ġenerali, id-dewmien twil fil-proċedimenti ġudizzjarji jista' jkollu konsegwenzi negattivi fuq id-drittijiet li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, pereżempju, meta ma jkunx għad hemm rimedji adegwati jew meta d-danni finanzjarji serji jsiru rrekuperabbli.


– Il-kompetizzjoni –

L-infurzar effettiv tal-liġi tal-kompetizzjoni jiżgura kundizzjonijiet ekwi għan-negozji u, għalhekk, huwa essenzjali għal ambjent tan-negozju attraenti. Il-figura 18 t'hawn taħt tippreżenta t-tul medju tal-kawżi kontra deċiżjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali għall-kompetizzjoni li japplikaw l-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE (⁵³).

⁵² It-tul tal-proċedimenti f'oqsma speċifiċi jiġi kkalkolat f'jiem kalendarji, li jibda jgħodd mill-jum li fih tressqu azzjoni jew appell quddiem il-qorti (jew l-akkuża tkun saret finali) u l-jum li fih il-qorti tkun adottat id-deċiżjoni tagħha (il-Figuri 18-21, 23 u 24). Il-valuri jiġu kklassifikati abbażi ta' medja ponderata tad-data għas-snin 2013, 2014, 2015 u 2016 għall-Figuri 18-21, data għas-snin 2015 u 2016 għall-Figura 23, u data għas-snin 2014, 2015 u 2016 għall-Figuri 22 u 24. Meta d-data ma tkunx disponibbli għas-snin kollha, il-medja tirrifletti d-data disponibbli, ikkalkolata abbażi tal-kawżi kollha, kampjun ta' kawżi jew estimi.

⁵³ Ara <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:12012E/TXT&from=EN>

Figura 18 Il-kompetizzjoni: It-tul medju tal-istħarriġ ġudizzjarju (*) (il-prim'istanza/f'jiem) (sors: il-Kummissjoni Ewropea man-Netzwerk Ewropew għall-Kompetizzjoni)




(*) EE: ebda kawża. IE u AT: ix-xenarju mhuwiex applikabbli minħabba li l-awtoritajiet ma għandhomx setgħat sabiex jieħdu d-deċiżjonijiet rispettivi. AT: id-data tinkludi kawżi deċiżi mill-Qorti Cartel li jinvolvu l-ksur tal-Artikoli 101 u 201 tat-TFUE, iżda li mhumiex ibbażati fuq appelli kontra l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni. F'BG u IT intużat stima tat-tul. Kolonna vojta tindika illi l-Istat Membru ma rrapportax kawżi għal dik is-sena. L-għadd ta' kawżi huwa baxx (inqas minn 5 fis-sena) għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, li bih id-data annwali tista' tkun dipendenti fuq kawża eċċezzjonalment twila jew qasira. L-għadd tal-itwal kawżi fis-sett tad-data inkluda ż-żmien meħtieġ għal referenza quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (pereżempju LT), rieżami kostituzzjonali (pereżempju SK) jew dewmien proċedurali speċifiku (pereżempju CZ, EL, HU).

– Il-komunikazzjonijiet elettroniċi –

L-objettiv tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi huwa li żżid il-kompetizzjoni, tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-suq uniku u tiġġenera l-investment, l-innovazzjoni u t-tkabbir. L-effetti pożittivi għall-konsumaturi jistgħu jinkisbu permezz ta' infurzar effettiv ta' din il-leġiżlazzjoni li tista' twassal għal prezzijiet tal-utent aħħari aktar baxxi u servizzi ta' kwalità aħjar. Il-Figura 19 t'hawn taħt tippreżenta t-tul medju tal-kawżi ta' stħarriġ ġudizzjarju kontra deċiżjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li japplikaw il-liġi tal-UE dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi ⁽⁵⁴⁾. Hija tkopri firxa wiesgħa ta' kawżijiet, li jvarjaw mill-istħarriġ aktar kumpless ta' “analiżi tas-suq” għal kwistjonijiet iffukati fuq il-konsumatur.

⁵⁴ Il-kalkolu sar fuq il-bażi tat-tul tal-kawżi ta' appell kontra d-deċiżjonijiet tal-awtorità regolatorja nazzjonali li tapplika l-liġijiet nazzjonali li jimplementaw il-Qafas Regolatorju għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (id-Direttiva 2002/19/KE (Direttiva tal-Aċċess), id-Direttiva 2002/20/KE (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni), id-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru), id-Direttiva 2002/22/KE (Direttiva dwar Servizz Universali) u liġi tal-UE rilevanti oħra, bħall-Programm tal-Politika dwar l-Ispettru tar-Radju, id-Deċiżjonijiet tal-Ispettru tal-Kummissjoni, minbarra d-Direttiva 2002/58/KE dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika).

Figura 19 Il-komunikazzjonijiet elettroniċi: It-tul medju tal-kawżi dwar stħarriġ ġudizzjarju (*) (il-prim'istanza/f'jiem) (sors: il-Kummissjoni Ewropea mal-Kumitat tal-Komunikazzjonijiet)




(*) L-għadd ta' kawżi jvarja skont l-Istat Membru. Kolonna vojta tindika illi l-Istat Membru ma rrappurtax kawżi għal dik is-sena. F'ċerti sitwazzjonijiet, l-għadd limitat ta' kawżi rilevanti (LT, MT, SE, LV, SK) jista' jfisser illi d-data annwali jkollha tiddependi fuq kawża waħda twila jew qasira żżejjed u tirriżulta f'varjazzjonijiet kbar minn sena għal oħra. DK: korp kważi-ġudizzjarju responsabbli mill-appelli fil-prim'istanza. ES, AT, u PL: qrati differenti responsabbli skont is-suġġett. MT: fl-2016 ġie rrapportat każ eċċezzjonalment twil ta' 2 500 jum, li kien jirrelata ma' kwistjoni kumplessa fejn awtorità lokali, flimkien ma' diversi residenti, nedew proċedimenti fir-rigward ta' allegati emissjonijiet perikolużi minn stazzjonijiet bażi tal-komunikazzjonijiet mobbli.

– It-trademark tal-UE –

L-infurzar effettiv tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali huwa essenzjali sabiex jstimola l-investiment f'innovazzjoni. Il-leġiżlazzjoni al-UE dwar it-trademarks⁽⁵⁵⁾ tagħti rwol sinifikanti lill-qrati nazzjonali, li jaġixxu bħala qrati tal-UE u jieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw lis-suq uniku. Il-figura 20 t'hawn taħt turi t-tul medju tal-kawżi litiġjużi ta' ksur tat-trademark tal-UE fost partijiet privati.

Figura 20 It-trademark tal-UE: It-tul medju tal-kawżi ta' ksur tat-trademark tal-UE (*) (il-prim'istanza/f'jiem) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea mal-Osservatorju Ewropew dwar il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali)

⁵⁵ Ir-Regolament dwar it-Trademark tal-Unjoni Ewropea (2017/1001/UE).



(*) FR, IT, LT, LU: kampjun ta' kawżi użat għal data ta' ċerti snin. BG: stima mill-qrati użata għall-2016. PL: stima mill-qrati użata għall-2015. L-għadd ta' kawżi rilevanti kien limitat (inqas minn 5) f'EE, IE, HR, LU u SI. Ġew irrapporati kważi partikolarment twal li jaffettwaw il-medja fi EE, IE, LV and SE. EL: data bbażata fuq it-tul medju peżat minn żewġ qrati. ES: il-kawżi li jikkonċernaw titoli oħrajn tal-IP tal-UE huma inklużi fil-kalkolu tat-tul medju.


– Il-protezzjoni tal-konsumatur –

L-infurzar effettiv tal-liġi tal-konsumatur jiżgura li l-konsumaturi jibbenifikaw mid-drittijiet tagħhom u li l-kumpaniji li jiksru r-regoli tal-konsumatur ma jiksbu ebda vantaġġ inġust. L-awtoritajiet tal-konsumatur u l-qrati għandhom rwol ewlieni fl-infurzar tal-liġi tal-konsumatur tal-UE⁽⁵⁶⁾ fi ħdan id-diversi sistemi tal-infurzar nazzjonali. Il-Figura 21 turi t-tul medju tal-kawżi ta' sħarriġ ġudizzjarju kontra deċiżjonijiet tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tal-konsumatur li japplikaw id-dritt tal-Unjoni.

Għall-konsumaturi jew għall-kumpaniji, l-infurzar effettiv jista' jinvolvi katina ta' atturi, mhux biss il-qrati iżda anke l-awtoritajiet amministrattivi. Sabiex titkompla l-eżaminazzjoni ta' din il-katina ta' infurzar, it-tul tal-proċedimenti mill-awtoritajiet tal-konsumaturi huwa ppreżentat mill-ġdid. Il-Figura 22 turi t-tul medju tad-deċiżjonijiet amministrattivi meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tal-konsumatur mill-2014 sal-2016 mill-mument li tinfetaħ kawża. Id-deċiżjonijiet rilevanti jinkludu d-dikjarazzjoni ta' ksur tar-regoli sostantivi, il-miżuri interim, l-ordnijiet ta' waqfien u ta' ebda tkompliġa, il-bidu ta' proċedimenti fil-qorti jew l-għeluq tal-kawżi.


Figura 21 Il-protezzjoni tal-konsumatur: It-tul medju tal-istħarriġ ġudizzjarju (*) (il-prim'istanza/f'jiem) (sors: il-Kummissjoni Ewropea man-Netwerk ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur)

⁵⁶ Il-Figuri 21 u 22 jirrigwardjaw l-infurzar tad-Direttiva dwar Klawżoli Kuntrattwali Inġusti (93/13/KEE), tad-Direttiva dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom (1999/44/KE), tad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali (2005/29/KE), tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur (2011/83/KE) u tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħhom.



(*) BE, LU, AT, FI, SE u UK: ix-xenarju mhuwiex applikabbli minħabba li l-awtoritajiet tal-konsumatur ma għandhomx is-setgħa li jiddeċiedu fuq il-ksur tar-regoli rilevanti tal-konsumatur. F'xi wħud minn dawn l-Istati Membri (pereżempju; FI u SE), l-awtoritajiet tal-konsumatur jistgħu jibdew azzjonijiet fil-qorti, jew jikkuntattjaw lill-prosekutur pubbliku (BE). DE: l-awtoritajiet amministrattivi jistgħu jadottaw deċiżjonijiet f'kawżi transkonfinali biss, iżda ma kien hemm ebda kawża rilevanti hekk kif il-Ministeru Federali tal-Ġustizzja u l-Protezzjoni tal-Konsumatur ta struzzjonijiet lil entitajiet kwalifikati oħrajn sabiex jieħdu miżuri ta' infurzar. Xi Stati Membri għandhom sistemi mħalltin (BG, DK, EE, IE, ES u LT), fejn l-awtoritajiet tal-konsumatur iridu jieħdu azzjonijiet fil-qorti fuq xi regoli (pereżempju; klawżoli kuntrattwali inġusti f'BG u CY). DE u AT: L-aktar l-infurzar ċivili fil-liġi tal-konsumatur permezz tal-konsumaturi jew ta' korpi privati/semi-privati. ES: id-data tkopri għadd limitat ta' Komunitajiet Awtonomi. L-għadd ta' kawżi rilevanti huwa baxx (inqas minn ħamsa) f'DK, EE u IE. Stima tat-tul medju nġatat minn EL, PL and RO. Is-setgħat ta' xi awtoritajiet jinkludu biss partijiet mil-liġi rilevanti tal-konsumatur tal-UE.

Figura 22 Il-protezzjoni tal-konsumatur: It-tul medju tad-deċiżjonijiet amministrattivi meħuda mill-awtoritajiet għall-protezzjoni tal-konsumatur (*) (il-prim'istanza/f'jiem) (sors: il-Kummissjoni Ewropea man-Netwerk ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur)




(*) BE, DE, LU, AT: ix-xenarju mhuwiex applikabbli. SE: bidla fir-regolament ippermettiet lil awtorità tadotta deċiżjoni rilevanti li toħroġ multa kondizzjonali. CZ: Id-deċiżjonijiet kollha, inklużi d-deċiżjonijiet mhux finali tal-awtorità, ġew inklużi fil-kalkolu tat-tul medju. PL: id-data tinkludi biss proċedimenti fejn inħarġet deċiżjoni u ma tinkludix proċedimenti li twaqqfu formalment. DK: varjazzjoni fit-tul medju meta mqabbel mas-snin preċedenti tista' tiġi spjegata permezz ta' bidla fil-metodoloġija. NL: id-data tkopri d-deċiżjonijiet li fihom għet imposta multa amministrattiva minħabba ksur tar-regoli sostantivi. ES: id-data tkopri għadd limitat ta' Komunitajiet Awtonomi. Xi Stati Membri indikaw li dawn użaw ukoll strumenti informali biex jinfurzaw il-liġi tal-konsumatur, li ġeneralment ikunu ta' suċċess (NL, LU) jew tinkiseb konformità mingħajr deċiżjoni ta'

awtorità (MT). Stima jew firxa ta' tul medju ngħatat minn EL, IE, RO u FI. F'każ ta' firxa minima u massima, il-figura turi l-medja. Xi awtoritajiet huma kompetenti għal partijiet biss mid-dritt tal-Unjoni rilevanti.

– Miżuri proviżorji –

Il-miżuri proviżorji deċiżi mill-qrati jinkludu inibizzjonijiet temporanji u s-sekwestu tal-beni bl-għan li jiskoraġġixxu jew jipprevjenu ksur imminenti qabel ir-riżoluzzjoni finali tal-kawża. L-effiċjenza tal-proċedimenti għal miżuri proviżorji hija partikolarment importanti, għaliex jintużaw ta' spiss f'każijiet urġenti fejn id-dewmien jista' jikkawża ħsara irreparabbli għar-rikorrent. Il-Figura 23 t'hawn taħt turi ż-żmien medju meħtieġ biex tinkiseb deċiżjoni minn qorti nazzjonali fuq talba għall-applikazzjoni ta' miżuri proviżorji jew interim biex jitwaqqaf il-ksur tat-trademarks tal-UE⁽⁵⁷⁾ u tar-regoli tal-komunikazzjonijiet elettroniċi⁽⁵⁸⁾. Il-figura turi t-tul medju tal-proċedimenti f'dawn l-oqsma fejn ittiedu deċiżjonijiet fl-2015 u fl-2016.

Figura 23 Miżuri proviżorji: It-tul medju tal-miżuri proviżorji fl-2015 u fl-2016 (*) (il-prim'istanza/f'jiem) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea mal-Osservatorju Ewropew dwar il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u mal-Kumitat tal-Komunikazzjoni)



(*) Trademark tal-UE: DK ma rrapportat l-ebda kawża. BE, DE, FR, HR, CY, MT, LU, AT, AK, UK ma pprovdew l-ebda data. F'EL ġew irrapporati ċirkostanzi speċifiċi li għamlu t-tul medju itwal mis-soltu. Il-komunikazzjonijiet elettroniċi: BE, CY, DK, EE, IE, LV, MT, NL, RO, SK u UK ma rrapportaw ebda każ. LU ma pprova ebda data. L-għadd ta' kawżi huwa baxx (inqas minn 5 fis-sena) għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri f'kull qasam, li jista' jagħmel id-data annwali dipendenti fuq kawża waħda eċċezzjonalment twila jew qasira.

– Il-ħasil tal-flus –

Minbarra l-kontribuzzjoni lejn il-ġlieda kontra l-kriminalità, l-effettività tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus hija kruċjali għas-solidità, l-integrità u l-istabbiltà tas-settur finanzjarju, il-fiduċja fis-sistema finanzjarja u l-kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku⁽⁵⁹⁾. Kif issottolinjat mill-Fond Monetarju Internazzjonali, il-ħasil tal-flus jista' jiskoraġġixxi l-investment barrani,


⁵⁷ Abbażi tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/48/KE (IPRED).

⁵⁸ Il-qafas legali huwa l-istess bħal dak indikat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 54.

⁵⁹ Il-premessa 2 tad-Direttiva (UE) Nru 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-għanijiet ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu.

ifixkel il-flussi tal-kapital internazzjonali u jkollu konsegwenzi negattivi għall-prestazzjoni makroekonomika ta' pajjiż, li jirriżulta f'telf tal-benesseri, tnaqqis tar-riżorsi minn attivitajiet ekonomiċi aktar produttivi ⁽⁶⁰⁾. Id-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus titlob lill-Istati Membri jżommu statistika dwar l-effettività tas-sistemi tagħhom biex jiġġieldu l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu ⁽⁶¹⁾. F'kooperazzjoni mal-Istati Membri, s'ħarriġ aġġornat ġabar *data* dwar il-fażijiet ġudizzjarji tas-sistemi nazzjonali kontra l-ħasil tal-flus. Il-Figura 24 turi t-tul medju tal-kawżi tal-qorti tal-prim'istanza li jitrattaw reati ta' ħasil tal-flus.

Figura 24: Ħasil tal-flus: It-tul medju tal-kawżi tal-qorti (*) (il-prim'istanza/f'jiem) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-Grupp Espert dwar il-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu)



(*) ES: stima tat-tul. LV: Minħabba għadd relattivament baxx ta' kawżi fl-2016, hemm diversi fatturi li possibbilment jaffettwaw it-tul ta' proċedimenti, pereżempju sospensjoni ta' kawża waħda minħabba raġunijiet oġġettivi. PL: Il-kalkolu tat-tul għall-2016 ibbażat fuq kampjun ta' kawżi magħżul b'mod każwali.

3.1.4. Sommarju dwar l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji

Sistema ġudizzjarja effiċjenti tiġġestixxi l-ammont ta' kawżi u l-kawżi pendenti tagħha u tiegħu deċiżjonijiet mingħajr dewmien żejjed. Il-parametri ewlenin użati mit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-UE għall-eżaminazzjoni tal-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji huma għalhekk *it-tul tal-proċedimenti* (iż-żmien stmat jew medju f'jiem meħtieġ sabiex tinqata' kawża), ir-rata tal-għeluq tal-kawżi (il-proporzjon tal-għadd ta' kawżi li jinqatgħu fuq l-għadd ta' kawżi li jidħlu) u l-għadd ta' *kawżi pendenti* (li għadhom iridu jiġu indirizzati sa tmiem is-sena).

Data ġenerali dwar l-effiċjenza

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2018 tinkludi *data* dwar l-effiċjenza li tkopri seba' snin (2010-2016). Dan l-ammont ta' żmien jippermetti li jiġu identifikati ċerti tendenzi. Dan huwa partikolarment rilevanti meta wieħed iqis li spiss ir-riformi ġudizzjarji jjieħdu ż-żmien biex juru l-effett tagħhom.

Meta wieħed iqis id-*data* ġenerali f'kawżi ċivili, kummerċjali u amministrattivi, it-Tabella ta' Valutazzjoni turi li tul il-perjodu ta' seba' snin, b'mod ġenerali tipprevali tendenza pożittiva

⁶⁰ Skeda informattiva IMF, 6 ta' Ottubru 2016, <http://www.imf.org/en/About/Factsheets/Sheets/2016/08/01/16/31/Fight-Against-Money-Laundering-the-Financing-of-Terrorism>

⁶¹ L-Artikolu 44(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849.

fuq l-effiċjenza. Skont id-*data* disponibbli mill-2010, l-effiċjenza tjebet u baqgħet stabbli fi kważi l-Istati Membri kollha b'għadd żgħir ħafna ta' eċċezzjonijiet.

B'mod partikolari, huwa inkoraġġanti li jiġu osservati żviluppi pożittivi fl-Istati Membri li kienu identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew jew tal-programm ta' aġġustament ekonomiku bħala li jaffaċċjaw sfidi ⁽⁶²⁾:

- Mill-2010, fi kważi l-Istati Membri kollha, it-**tul tal-proċedimenti tal-qorti tal-ewwel istanza** fil-kategorija wiesgħa “kawżi kollha” (Figura 7) u l-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi (Figura 8) naqas jew baqa' stabbli. Fil-kawżi amministrattivi (Figura 10), it-tul tal-proċedimenti mill-2010 naqas jew baqa' stabbli fil-maġġoranza ta' dawn l-Istati Membri. Madankollu, xi wħud mill-Istati Membri li jaffaċċjaw l-aktar sfidi sostanzjali, fl-2016 urew żieda fit-tul tal-proċedimenti.
- Għall-ewwel darba, it-Tabella ta' Valutazzjoni tippreżenta *data* dwar **it-tul tal-proċedimenti fl-istanzi kollha tal-qorti** għall-kawżi ċivili u kummerċjali (Figura 9) u amministrattivi (Figura 11) kontenzjużi. Id-*data* turi li l-Istati Membri identifikati bħala li jaffaċċjaw sfidi bit-tul tal-proċedimenti fil-qrati tal-ewwel istanza, għandhom kwistjonijiet simili fil-qrati superjuri. Barra minn hekk, it-tul medju tal-proċedimenti fil-qrati superjuri huwa ġeneralment itwal milli fil-qrati tal-ewwel istanza fil-maġġoranza tal-Istati Membri fejn hemm *data* disponibbli.
- Fil-kategorija wiesgħa “kawżi kollha” u f'dik tal-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi (Figuri 12 u 13), l-għadd globali tal-Istati Membri fejn ir-**rata tal-għeluq tal-kawżi** hija inqas minn 100 %, naqas mill-2010. Fl-2016, kważi l-Istati Membri kollha, inklużi dawk li jaffaċċjaw sfidi, irrapportaw rata għolja tal-għeluq tal-kawżi (aktar minn 97 %), li jfisser li b'mod ġenerali l-qrati għandhom il-kapaċità li jittrattaw il-kawżi li jidħlu f'dawn il-kategoriji. Fil-kawżi amministrattivi (Figura 14), tista' tiġi osservata varjazzjoni akbar tar-rata tal-għeluq tal-kawżi minn sena għall-oħra u b'mod globali din tibqa' baxxa milli f'kategoriji oħrajn tal-kawżi.
- Mill-2010, il-progress huwa ċar fl-Istati Membri kollha li jaffaċċjaw l-aktar sfidi sostanzjali bil-**kawżi pendenti** tagħhom, irrISPETTIVAMENT mill-kategorija tal-kawżi. L-akbar titjib fit-tnaqqis tal-kawżi pendenti sar għall-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi (Figura 16) u l-kawżi amministrattivi (Figura 17). Minkejja dan it-titjib, id-differenza bejn l-Istati Membri bi ftit kawżi pendenti u dawk b'għadd kbir ta' kawżi pendenti tibqa' importanti ħafna.

L-effiċjenza f'oqsma speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni

Id-*data* dwar it-tul medju tal-proċedimenti f'oqsma speċifiċi (il-Figuri 18-24) tipprovdi għarfien dwar il-funzjonament tas-sistemi ġudizzjarji f'tip ta' tilwim relatat man-negozju kopert mid-dritt tal-Unjoni. Għaċ-ċittadini jew għan-negozji, l-infurzar effettiv jista' jinvolvi katina ta' atturi, mhux biss il-qrati iżda anke l-awtoritajiet amministrattivi. It-Tabella ta' Valutazzjoni tippreżenta *data* dwar din il-katina ta' infurzar fil-qasam tal-liġi tal-konsumatur (Figuri 21 u 22).

Id-*data* dwar l-effiċjenza f'oqsma speċifiċi tal-liġi tinġabar abbażi ta' xenarji ddefiniti b'mod ristrett u l-għadd ta' kawżi rilevanti jista' jkun baxx. Madankollu, meta mqabbla mat-tul ikkalkolat tal-proċedimenti ppreżentat fid-*data* ġenerali dwar l-effiċjenza, dawn il-figuri jipprevedu tul medju attwali tal-kawżi kollha rilevanti f'sena. Għalhekk, ta' min jinnota li

⁶² Ara t-Taqsima 2. Id-differenza fir-riżultati matul l-aħħar ħames snin analizzati tista' tiġi spjegata minn fatturi kuntestwali (differenzi ta' aktar minn 10% tal-każijiet deħlin huma normali) jew nuqqasijiet sistemiċi (nuqqas ta' flessibilità u rispons jew inkonsistenzi fil-proċess ta' riforma).

diversi Stati Membri li ma jidhrux li qegħdin jaffaċċjaw sfidi abbażi tad-*data* ġenerali dwar l-effiċjenza, jirrapportaw tul medju ta' kawżi ferm itwal f'oqsma speċifiċi tal-liġi. Fl-istess ħin, it-tul tal-proċedimenti f'oqsma speċifiċi differenti jista' wkoll ivarja b'mod konsiderevoli fl-istess Stat Membru.

Il-figuri f'oqsma speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni jikkonfermaw li:

- **Għall-kawżi ta' kompetizzjoni** (Figura 18), aktar minn terz tal-Istati Membri (11) jirrapportaw kawżi tal-ewwel istanza li jdumu aktar minn tliet snin. Spjegazzjoni tista' tkun li l-għadd ta' dawn il-kawżi huwa baxx u ġeneralment huma kumplessi ħafna, li spiss jirrikjedu passi proċedurali addizzjonali u speċifiċi. Tista' tiġi osservata tendenza simili fil-qasam tal-**komunikazzjonijiet elettroniċi** (Figura 19), fejn bħala medja, il-kawżi jieħdu aktar żmien milli fil-kategorija wiesgħa ta' kawżi amministrattivi kif ukoll f'oqsma oħrajn speċifiċi tal-liġi, pereżempju, fil-liġi tal-konsumatur (Figura 21).
- L-effett possibbli kkombinat tal-katina ta' infurzar li jikkonsisti kemm fi proċedimenti ta' revizzjoni amministrattiva kif ukoll f'dawk ta' sħarriġ ġudizzjarju huwa ppreżentat fil-qasam tal-**liġi tal-konsumatur** (Figuri 21 u 22). Fi kwart biss tal-Istati Membri, bħala medja, awtorità tal-protezzjoni tal-konsumatur tieħu deċiżjoni f'kawża koperta mil-liġi tal-konsumatur tal-UE f'inqas minn tliet xhur. Stati Membri oħra jirrapportaw bħala medja tul ta' tliet xhur sa aktar minn sena. Xi awtoritajiet tal-protezzjoni tal-konsumatur jittrattaw għadd sostanzjali ta' kawżi u l-maġġoranza tad-deċiżjonijiet tagħhom mhumiex ikkontestati fil-qrati. Madankollu, meta jsir sħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni amministrattiva, bħala medja, dan idum aktar minn sena fil-maġġoranza tal-Istati Membri. L-effett kumulattiv kemm tal-proċedimenti amministrattivi kif ukoll ta' dawk ġudizzjarji jista' għalhekk ikun tassew sostanzjali, b'mod partikolari għal konsumatur li jkun qiegħed ifittex rimedju.
- Hija ppreżentata wkoll *data* dwar it-tul tal-**miżuri interim** maħsuba biex jipprevjenu l-ksur jew id-danni imminenti fl-oqsma tal-komunikazzjoni elettronika u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (Figura 23). Din turi varjetà kbira fost l-Istati Membri, kif ukoll skont it-tip ta' kawża fl-istess pajjiż. L-għadd ta' kawżi fejn ġiet adottata deċiżjoni dwar miżura proviżorja huwa ferm aktar baxx mill-għadd ta' proċedimenti ewlenin f'dawk l-oqsma tal-liġi.
- Il-ġlieda effettiva kontra l-**ħasil tal-flus** hija kruċjali biex tipproteġi s-sistema finanzjarja, il-kompetizzjoni ġusta u tipprevjeni l-konsegwenzi ekonomiċi negattivi. Bl-għan li jikkonformaw mal-obbligi li jirriżultaw mid-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus minn Ġunju 2017, l-Istati Membri tejbju l-kapaċità tagħhom li jiġbru *data* dwar il-fażijiet ġudizzjarji tas-sistemi nazzjonali kontra l-ħasil tal-flus. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2018 tippreżenta *data* aġġornata dwar it-tul tal-proċedimenti ġudizzjarji li jittrattaw ir-reati tal-ħasil tal-flus (Figura 24), li turi li waqt li fi kawżi nofs l-Istati Membri l-proċedimenti tal-qorti tal-ewwel istanza jdumu sena bħala medja, dawn il-proċedimenti jdumu madwar sentejn bħala medja f'diversi Stati Membri li jaffaċċjaw sfidi.

3.2. Il-kwalità tas-sistemi ġudizzjarji

Ma hemmx mod wieħed ta' kif titkejjel il-kwalità tas-sistemi ġudizzjarji. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2018 tibqa' teżamina fatturi li ġeneralment huma aċċettati bħala rilevanti biex itejbu l-kwalità tal-ġustizzja. Dawn huma miġbura f'erba' kategoriji:

- 1) L-aċċessibbiltà tal-ġustizzja għaċ-ċittadini u n-negozji;
- 2) materjal u riżorsi umani adegwati;
- 3) L-implimentazzjoni ta' għodod għall-valutazzjoni; u
- 4) L-użu ta' standards ta' kwalità.


3.2.1. L-aċċessibbiltà

L-aċċessibbiltà hija meħtieġa matul il-katina kollha tal-ġustizzja biex tippermetti l-kisba ta' informazzjoni rilevanti — dwar is-sistema ġudizzjarja, kif tinbeda talba u l-aspetti finanzjarji relatati, l-istat attwali tal-proċedimenti sat-tmiem tagħhom — sabiex is-sentenza tkun tista' tiġi aċċessata malajr onlajn ⁽⁶³⁾.

– L-ġhoti ta' informazzjoni dwar is-sistema ġudizzjarja –

Ġustizzja li tiffavorixxi ċ-ċittadini tirrikjedi li l-informazzjoni dwar is-sistema ġudizzjarja tingħata b'tali mod li mhux biss ikun faċilment aċċessibbli iżda li jirrappreżenta wkoll l-informazzjoni f'forma mfassla apposta għal gruppi speċifiċi tas-soċjetà li inkella jkollhom diffikultajiet biex jaċċessaw l-informazzjoni. Il-Figura 25 turi d-disponibbiltà ta' informazzjoni online dwar aspetti speċifiċi tas-sistema ġudizzjarja u għal gruppi speċifiċi tas-soċjetà.

Figura 25: Id-disponibbiltà ta' informazzjoni online dwar is-sistema ġudizzjarja għall-pubbliku ġenerali (*) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁶⁴⁾)



(*) DE: Kull stat federali u l-livell federali jiddeċiedu liema informazzjoni jipprovdu onlajn.

– L-għajjnuna legali u t-tariffi tal-qrati –

L-aċċess għall-għajjnuna legali huwa dritt fundamentali stabbilit fil-Karta ⁽⁶⁵⁾. Il-maġġoranza tal-Istati Membri jagħtu l-għajjnuna legali abbażi tal-introjt tal-applikant ⁽⁶⁶⁾. Sabiex tinġabar

⁶³ Għandu jiġi nnotat li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli tal-Istat u tal-Ġurisdizzjonijiet Amministrattivi Supremi (ACA) ppubblikat studju trasversali dwar "Access to administrative supreme courts and to their decisions" (L-aċċess għall-qrati amministrattivi supremi u għad-deċiżjonijiet tagħhom): http://www.juradmin.eu/images/media_kit/aca_surveys/Transversal-Analysis---Annex-1.pdf

⁶⁴ Id-data għall-2017 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali.

data kumparabbli, ġew ippreżentati żewġ xenarji li jinvolvu tilwim tal-konsumatur fil-kuntest tal-introjtu u l-kundizzjonijiet ta' għajxien ta' kull Stat Membru. Il-Figura 26 turi disponibbiltà tal-għajjnuna legali għal dawn iż-żewġ xenarji, li huma bbażati fuq żewġ valuri differenti tat-talba: (i) talba b'valur għoli (jiġifieri EUR 6 000) u (ii) talba b'valur baxx (jiġifieri l-livell minimu tal-Eurostat għall-faqar ta' kull Stat Membru mibdul f'introjtu fix-xahar) ⁽⁶⁷⁾.

Il-Figura 26 tqabbel f'perċentwal il-livell limitu tal-introjtu għall-għoti tal-għajjnuna legali mal-livell limitu tal-Eurostat għall-faqar f'kull Stat Membru. Pereżempju, jekk l-eliġibbiltà għall-għajjnuna legali hija ta' 20%, dan ifisser illi l-applikant b'introjtu ta' 20 % aktar mil-livell limitu rispettiv tal-Eurostat għall-faqar jista' jirċievi l-għajjnuna legali. Min-naħa l-oħra, jekk l-eliġibbiltà għall-għajjnuna legali hija ta' -20 %, dan ifisser illi l-livell limitu ta' introjtu għall-għajjnuna legali huwa ta' 20 % inqas mil-livell limitu tal-Eurostat għall-faqar. Xi Stati Membri jħaddmu sistema ta' għajjnuna legali li tipprovdi għal kopertura ta' 100 % tal-ispejjeż marbuta mal-litigazzjoni (għajjnuna legali sħiħa), ikkumplimentata minn sistema li tkopri spejjeż parzjali (għajjnuna legali parzjali). Stati Membri oħrajn iħaddmu jew sistema ta' għajjnuna legali sħiħa biss jew parzjali biss.


Figura 26: Livell limitu tal-introjtu għall-għajjnuna legali f'każ speċifiku tal-konsumatur (*) (differenzi f'% mil-livell limitu tal-Eurostat għall-faqar) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea mas-CCBE ⁽⁶⁸⁾)

⁶⁵ L-Artikolu 47(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

⁶⁶ L-Istati Membri jużaw metodi differenti sabiex jistabbilixxu l-livell limitu għall-eliġibbiltà, pereżempju perjodi ta' referenza differenti (introjtu fix-xahar/fis-sena). Madwar nofs l-Istati Membri għandhom ukoll livell limitu relatat mal-kapital personali tal-applikant. Dan ma jiġix ikkunsidrat għal din il-figura. F'BE, IE, ES, FR, HR, HU, LT, LV, LU, u NL ċerti kategoriji ta' persuni (pereżempju individwi li jirċievu ċerti benefiċċji) huma awtomatikament intitolati li jirċievu għajjnuna legali f'tilwim ċivili/kummerċjali. Kriterji addizzjonali li jistgħu jużaw l-Istati Membri, bħall-mertu tal-kawża, mhumiex riflessi f'din il-figura.

⁶⁷ Il-livell limitu tar-riskju ta' faqar (AROP) huwa ta' 60% tal-medja nazzjonali ekwivalenti tal-introjtu disponibbli ta' unità domestika. Stħarriġ Ewropew dwar l-Introjtu u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien, tabella tal-Eurostat, tabella tal-Eurostat *ilc_li01*, <http://ec.europa.eu/eurostat/web/income-and-living-conditions/data/database>


⁶⁸ Id-*data* għall-2017 miġbura permezz tat-tweġibiet minn membri tas-CCBE għal kwestjonarju bbażat fuq ix-xenarju speċifiku li ġej: tilwima ta' konsumatur ma' kumpanija (ġew indikati żewġ valuri differenti tat-talba: EUR 6000 u l-livell limitu tal-Eurostat għall-faqar f'kull Stat Membru). Minħabba li l-kundizzjonijiet għall-għajjnuna legali jiddependu mis-sitwazzjoni tal-applikant, jintuża x-xenarju li ġej: applikant impjegat ta' 35 sena, waħdu u mingħajr ebda persuna dipendenti fuqu, b'assigurazzjoni fuq l-ispejjeż legali, li għandu introjtu regolari u appartament mikri.



(*) "It-talba ta' valur baxx" hija talba li tikkorrespondi għal-livell limitu tal-Eurostat għall-faqar għal persuna waħedha f'kull Stat Membru, mibdul f'introjtu fix-xahar (pereżempju fl-2015, dan il-valur kien ivarja bejn EUR 116 f'RO u EUR 1 764 f'LU). Il-figura tirrapreżenta l-livelli limitu għall-għajjnuna legali li jvarjaw minn 40 % sa -30 %. DK, DE, EE, ES, FR, HR, LT, NL, FI, u SE jagħtu l-għajjnuna legali għal livell limitu ta' introjtu li jvarja bejn 40 % u 357 %. HU: l-għajjnuna legali tingħata għal livell limitu ta' introjtu ta' -40 %. BG: il-livell limitu ta' għajjnuna legali jinsab fil-livell limitu tal-faqar. IE u SK: ma hija disponibbli l-ebda għajjnuna legali għal valur tat-talba fil-livell limitu rispettiv tal-AROP, minħabba li l-ammont huwa żgħir wisq. DE: il-livell limitu tal-introjtu huwa bbażat fuq il-Prozesskostenhilfebekanntmachung tal-2017 u l-ispejjeż annwali medji għall-abitazzjoni (SILC). LV: firxa ta' introjtu bejn EUR 128.06 u EUR 320 skont il-post ta' residenza tal-applikant. Ir-rata hija bbażata fuq il-medja aritmetika. ** EE: tingħata għajjnuna legali sħiħa fuq id-diskrezzjoni tal-qorti. MT: Id-data tirreferi għall-2016.

Ħafna mill-Istati Membri jitolbu lill-partijiet iħallsu tariffa tal-qorti meta jibdew proċediment ġudizzjarju. Il-benefiċjarji tal-għajjnuna legali spiss ikunu eżentati milli jħallsu tariffi tal-qorti. BE, EE, IE, NL u SI biss jirrikjedu li benefiċjarju tal-għajjnuna legali jħallas tariffa tal-qorti. F'CZ, il-qorti tiddeċiedi fuq bażi individwali li teżenta lil benefiċjarju tal-għajjnuna legali milli jħallas tariffi tal-qorti. Il-Figura 27 tqabbel, għaż-żewġ xenarji, il-livell tat-tariffa tal-qorti ppreżentat bħala sehem tal-valur tat-talba. Jekk, pereżempju, fil-figura t'hawn taħt, it-tariffa tal-qorti tidher bħala 10 % ta' talba ta' EUR 6 000, il-konsumatur se jkollu jhass tariffa tal-qorti ta' EUR 600 biex jibda proċediment ġudizzjarju. It-talba b'valur baxx hija bbażata fuq il-livell limitu tal-Eurostat għall-faqar għal kull Stat Membru.

Figura 27: Tariffa tal-qorti sabiex jinbeda proċediment ġudizzjarju f'kawża speċifika ta' konsumatur (*) (il-livell ta' tariffa tal-qorti bħala sehem tal-valur tat-talba) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea mas-CCBE⁶⁹)




(*) "Talba b'valur baxx": ara l-ispejgazzjoni taħt il-Figura 26. LU: Il-litiganti jridu jħallsu tariffi ta' uffiċjal ġudizzjarju biex jibdew proċedimenti bħala rikorrenti. NL* Tariffi tal-qorti għal introjtu ta' <€2200/xhur. NL** Tariffi tal-qorti għal introjtu > €2200/xahar.

– Is-sottomissjoni u s-segwitu ta' talba onlajn –

Il-kapaċità li wieħed ilesti passi speċifiċi fil-proċedura ġudizzjarja b'mezzi elettroniċi hija parti importanti mill-kwalità tas-sistemi ġudizzjarji minħabba li s-sottomissjoni elettronika tat-talbiet, il-possibiltà li wieħed jimmonitorja u javvanza proċediment onlajn jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess għall-ġustizzja u jnaqqsu d-dewmien u l-ispejjeż. Is-sistemi tal-ICT fil-qrati wkoll għandhom rwol dejjem akbar fil-kooperazzjoni transkonfinali bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u jiffaċilitaw ukoll l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, pereżempju, fir-rigward ta' proċeduri għal talbiet żgħar. Wieħed mill-għanijiet tal-politika tal-Kummissjoni huwa li jiġu ssimplifikati u jitħaffu t-talbiet għal proċeduri żgħar billi tittejjeb il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u billi jsir użu intelliġenti mill-ICT.


⁶⁹ Id-data tirreferi għal-livelli limitu tal-introjtu validi fl-2017 u nġabret permezz tat-tweġibiet mill-membri tas-CCBE għal kwestjonarju bbażat fuq ix-xenarju speċifiku li ġej: tilwima ta' konsumatur ma' kumpanija (ġew indikati żewġ valuri differenti tat-talba: EUR 6000 u l-livell limitu tal-Eurostat għall-faqar f'kull Stat Membru).

Figura 28: Disponibilità tal-mezzi elettroniċi (*) (0 = disponibbli f'0 % tal-qradi, 4 = disponibbli f'100 % tal-qradi (⁷⁰)) (sors: studju tas-CEPEJ)



(*) DK u RO: il-kawżi jistgħu jitressqu quddiem il-qradi permezz ta' posta elettronika.

Figura 29: Valutazzjoni komparattiva tal-proċeduri għal talbiet żgħar online (*) (sors: Il-15-il Rapport dwar il-Valutazzjoni Komparattiva għall-Gvern elettroniku, studju mħejji għall-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija (⁷¹))



(*) L-Istati Membri rċevew biss 100 punt għal kull kategorija jekk is-servizz kien kompletament disponibbli onlajn permezz ta' portal ċentrali.

– Skambji bejn il-qradi u l-avukati –


Il-frekwenza tal-użu ta' diversi għodod tal-ICT fl-iskambji bejn il-qradi u l-avukati u r-raġunijiet sottostanti għall-użu u n-nuqqas ta' użu jvarjaw konsiderevolment bejn l-Istati

⁷⁰ Id-data tikkonċerna s-sena 2016. Ir-rata tat-tagħmir minn 100% (tagħmir kompletament attiv) għal 0% (tagħmir ma jeżistix) tindika l-preżenza funzjonali fil-qradi tat-tagħmir kopert mill-grafika, skont l-iskala li ġejja: (100 % = 4 punti jekk applikabbli għall-kwistjonijiet kollha / 1.33 punti għal kull kwistjoni speċifika; 50-99 % = 3 punti jekk applikabbli għall-kwistjonijiet kollha / 1 punt għal kull kwistjoni speċifika; 10-49 % = 2 punti jekk applikabbli għall-kwistjonijiet kollha / 0.66 punt għal kull kwistjoni speċifika; 1-9 % = 1 punt jekk applikabbli għall-kwistjonijiet kollha / 0.33 punt għal kull kwistjoni speċifika; Il-kwistjoni tirrigwarda t-tip ta' litigazzjoni ġestita (ċivili/kummerċjali, kriminali, amministrattiva jew oħra).

⁷¹ Id-data tikkonċerna l-2017. Għandu jiġi ppubblikat sat-tmiem tal-2018 fuq: <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/reports-and-studies>

Membri ⁽⁷²⁾. Il-Figuri 30 u 31 jippreżentaw ir-riżultati ta' stħarriġ ta' avukati mwettaq fl-2017 dwar l-użu attwali tal-ICT.


Figura 30: L-użu tal-ICT bejn il-qrati u l-avukati (*) (sors: stħarriġ tas-CCBE)



(*) Data għal DK, NL, MT u LU mill-2016. Is-sottomissjonijiet lill-qrati jkopru: “is-sottomissjoni elettronika ta’ talba”, “is-sottomissjoni elettronika taċ-ċitazzjoni biex wieħed jidher il-qorti” u “is-sottomissjoni elettronika tal-provi/dokumenti ta’ sostenn”.

(**) Is-Sottomissjonijiet lill-qrati jkopru l-għażliet għat-tweġiba li ġejjin: “is-sottomissjoni elettronika ta’ talba”, “is-sottomissjoni elettronika taċ-ċitazzjoni biex wieħed jidher il-qorti”, “is-sottomissjoni elettronika tal-provi/dokumenti ta’ sostenn”.

Figura 31: Ir-raġunijiet għall-użu jew (in-nuqqas) ta’ użu tal-ICT bejn il-qrati u l-avukati (sors: stħarriġ tas-CCBE)




(*) Data għal DK, NL, LU u MT mill-2016.

– L-użu tal-midja soċjali u l-komunikazzjoni mal-midja –

Għall-pubbliku ġenerali, il-midja soċjali u l-midja inġenerali jservu bħala mezz li jikkontribwixxi għall-aċċessibilità tas-sistemi ġudizzjarji u l-ħidma ġudizzjarja.

Figura 32: L-użu tal-midja soċjali u linji gwida għar-relazzjonijiet mal-istampa/il-midja (*) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁷³⁾)

⁷² Il-Figuri 30 u 31 huma bbażati fuq stħarriġ tas-CCBE mwettaq fost l-avukati.



(*) Għal kull waħda mit-tliet istanzi, jistgħu jingħataw żewġ punti jekk ikunu koperti l-kawżi ċivili/kummerċjali u l-kawżi amministrattivi. Jekk waħda miż-żewġ kategoriji ta' kawżi biss hija koperta allura jingħata punt wieħed biss. Il-massimu possibbli: 7 punti. DE: kull stat federali għandu l-linji gwida tiegħu stess għall-użu tal-midja soċjali.


– L-aċċess għas-sentenzi –

L-iżgurar tal-aċċess għas-sentenzi onlajn iżid it-trasparenza tas-sistemi ġudizzjarji, jgħin liċ-ċittadini u lin-negozji jifhmu d-drittijiet tagħhom u jista' jikkontribwixxi għall-konsistenza fil-ġurisprudenza. L-arranġamenti għall-publikazzjoni onlajn tas-sentenzi huma essenzjali sabiex jinħolqu faċilitajiet ta' tiftix faċli għall-utent⁽⁷⁴⁾, li jagħmlu l-ġurisprudenza aktar aċċessibbli għall-professjonijiet legali u l-pubbliku ġenerali.

⁷³ Id-data għall-2017 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali.


⁷⁴ "Best practice guide for managing Supreme Courts, under the project Supreme Courts as guarantee for effectiveness of judicial systems" (Gwida tal-aħjar prattika għall-ġestjoni tal-Qrati Suprema, taht il-proġett Qrati Suprema bhala garanzija għall-effettività tas-sistemi ġudizzjarji), p. 29.

Figura 33: Aċċess lill-pubbliku ġenerali għas-sentenzi ppubblikati onlajn (*) (kawżi ċivili/kummerċjali u amministrattivi, l-istanzi kollha) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁷⁵⁾)



(*) Għal kull istanza tal-qorti, jingħata punt wieħed meta jkun disponibbli s-sentenzi kollha għall-kawżi ċivili/kummerċjali u amministrattivi, rispettivament (0.5 punti meta jkun disponibbli wħud mis-sentenzi). Għall-Istati Membri li għandhom żewġ istanzi biss tal-qorti, ingħataw punti għal tliet istanzi billi ġiet riflessa l-ogħla istanza rispettiva tal-qorti tal-istanza mhux eżistenti. Għal daww l-Istati Membri li ma jaqumx ebda distinzjoni bejn iż-żewġ oqsma tal-liġi, ingħata l-istess numru ta' punti għaż-żewġ oqsma. Il-massimu possibbli: 6 punti. LU u SE: il-qorti ma jipubblikawx is-sentenzi tagħhom onlajn b'mod regolari (il-kawżi storiċi biss). LV: Għal sentenzi adottati f'seduti ta' smigħ mhux pubbliċi, il-partijiet imħabbra pubblikament biss huma ppubblikati onlajn. DE: kull stat federali jiddeċiedi dwar id-disponibbiltà onlajn tas-sentenzi tal-qorti tal-prim'istanza.

Figura 34: Arranġamenti għall-pubblikazzjoni onlajn tas-sentenzi fl-istanzi kollha(*) (kawżi ċivili/kummerċjali u amministrattivi, l-istanzi kollha) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁷⁶⁾)



(*) Għal kull waħda mit-tliet istanzi, jistgħu jingħataw żewġ punti jekk ikunu koperti l-kawżi ċivili/kummerċjali u l-kawżi amministrattivi. Jekk tkun koperta waħda biss miż-żewġ kategoriji ta' kawżi, jingħata punt wieħed biss għal kull istanza. Il-massimu possibbli: 30 punt. NL: l-ebda kelma ewlenija iżda jiġi inkluż werrej ma' kull sentenza ppubblikata. LV: Is-sentenzi kollha adottati wara l-aħħar ta' Settembru 2017 jiġu assenjati ECLI.

– Aċċess għal metodi alternattivi ta' soluzzjoni għat-tilwim –

Il-Figura 35 turi l-isforzi tal-Istati Membri fil-promozzjoni tal-użu volontarju ta' metodi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim permezz ta' inċentivi speċifiċi, li jistgħu jvarjaw skont il-

⁷⁵ Id-data għall-2017 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali.


⁷⁶ Id-data għall-2017 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali.

qasam tal-liġi ⁽⁷⁷⁾. Il-Figura 36 turi l-għadd ta' lmenti tal-konsumaturi sottomessi permezz tal-pjattaforma Ewropea għas-soluzzjoni online għat-tilwim (ODR) ⁽⁷⁸⁾, li tiżvela żieda qawwija fl-użu tagħha. Il-fatt li wieħed iżur il-pjattaforma ODR jgħin ukoll lill-konsumaturi jaċċessaw il-korpi tal-ADR, peress li l-pjattaforma — minbarra li tipprovdi informazzjoni dwar id-drittijiet tal-konsumaturi, korpi tal-ADR u għażliet alternattivi disponibbli biex wieħed ifittex rimedju — tittrażmetti t-tilwim lill-korp tal-ADR li l-partijiet ikunu għażlu.

⁷⁷ Il-metodi maħsuba sabiex jipromwovu u jinċentivaw l-użu tal-ADR ma jkoprox ir-rekwiżiti obbligatorji għall-użu tal-ADR qabel id-dħul fil-qorti, hekk kif tali rekwiżiti jqajmu tħassib dwar il-kompatibbiltà tagħhom mad-dritt għal rimedju effettiv quddiem tribunal kif stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.


⁷⁸ Din l-għodda multilingwi elettronika ilha disponibbli mill-15 ta' Frar 2016. Il-konsumaturi u l-kummerċjanti li jkollhom tilwima kuntrattwali fuq prodott jew servizz mixtri onlajn u li jkunu jixtiequ jsibu soluzzjoni barra l-qorti jistgħu jissottomettu t-tilwim kuntrattwali tagħhom onlajn fuq il-pjattaforma.

Figura 35: Il-promozzjoni ta' u inċentivi għall-użu ta' metodi ADR (*) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea (79))



* Data aggregata bbażata fuq l-indikaturi li ġejjin: 1) sit elettroniku li jipprovdi l-informazzjoni dwar l-ADR; 2) kampanji pubbliċitarji fil-midja; 3) fuljetti lill-pubbliku ġenerali; 4) il-qorti tipprovdi sessjonijiet ta' informazzjoni speċifika dwar l-ADR fuq talba; 5) koordinatur tal-ADR/medjazzjoni fil-qrati; 6) pubblikazzjoni tal-evalwazzjonijiet dwar l-użu tal-ADR; 7) pubblikazzjoni tal-istatistika dwar l-użu tal-ADR; 8) l-ghajmuna legali tkopri spejjeż (parzjali jew sħaħ) imġarrba mill-ADR; 9) rifiżjoni sħiħa jew parzjali tat-tariffi tal-qorti; (inklużi t-taxxi tal-boll), 11) jekk l-ADR hija ta' suċċess, mhuwa meħtieġ l-ebda avukat għall-proċedura tal-ADR; 12) l-imħallef jista' jaġixxi bħala medjatur, u 13) il-ftehim milħuq mill-partijiet isir infurzabbli fil-qorti. Għal kull wieħed minn dawn it-13-il indikatur, inġhata punt wieħed għal kull qasam tal-liġi Il-massimu possibbli: 39 punt. DK: Kull qorti għandha ambaxxatur responsabbli għall-promozzjoni tal-użu tal-medjazzjoni. ES: L-ADR hija obbligatorja fil-kawżi dwar il-liġi tax-xogħol. LT: segretarju fl-Amministrazzjoni tal-Qrati Nazzjonali jikkoordina l-proċessi ġudizzjarji tal-medjazzjoni fil-qrati. PT: għat-tilwim ċivili/kummerċjali, it-tariffi tal-qorti jiġu rifiżi biss fil-każ tal-Kummissarji tal-Ġustizzja. SE: l-imħallfin għandhom diskrezzjoni proċedurali fuq l-ADR; it-tiftix ta' riżoluzzjoni paċifika huwa komputu obbligatorju għall-imħallef sakemm dan ma jkunx inadegwat.

Figura 36: L-għadd ta' lmenti tal-konsumaturi lill-pjattaforma ODR għal kull 100 000 abitant, 2016 u 2017 (*) (sors: Pjattaforma ODR - estratt tal-05/01/2018)



* Il-figura turi l-għadd ta' lmenti mressqa lill-pjattaforma tal-ODR, mhux l-għadd ta' tilwim li rċevew l-entitajiet tal-ADR permezz tal-pjattaforma tal-ODR. L-għadd ta' każijiet imressqa lill-pjattaforma tal-ODR sussegwentement jiġu riżolti b'mod bilaterali bejn il-partijiet barra l-pjattaforma, mingħajr ebda involviment ulterjuri minn entità ta' ADR.

⁷⁹ Id-data għall-2017 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali.


3.2.2. Riżorsi

Riżorsi adegwati u persunal ikkwalifikat huma meħtieġa għat-tħaddim tajjeb tas-sistema ġudizzjarja. Mingħajr għadd suffiċjenti ta' persunal bil-kwalifiki u l-ħiliet meħtieġa u b'aċċess għal taħriġ kontinwu, il-kwalità tal-proċedimenti u d-deċiżjonijiet ikunu f'riskju.

– Riżorsi finanzjarji –

Il-figuri t'hawn taħt juru l-baġit effettivament minfuq fuq il-qrati, l-ewwel skont l-abitant (Figura 37) u t-tieni bħala sehem tal-prodott domestiku gross (PDG) (Figura 38) ⁽⁸⁰⁾.


Figura 37: In-nefqa ġenerali totali tal-gvern fuq il-qrati (*) (f'EUR għal kull abitant) (sors: Eurostat)



(*) Id-data għal ES, FR, NL u SK għall-2016 hija proviżorja.

⁸⁰ In-nefqa totali ġenerali tal-gvern fuq l-amministrazzjoni, l-operat jew l-ghajjnuna għall-qrati amministrattivi, ċivili u kriminali u s-sistema ġudizzjarja, inkluż l-infurzar ta' multi u ftehim legali ordnat mill-qrati u l-operat ta' sistemi tal-parole, u l-ghajjnuna legali - rappreżentazzjoni legali u pariri f'isem il-gvern jew f'isem oħrajn mingħand il-gvern permezz ta' flus kontanti jew f'servizzi; minbarra l-amministrazzjonijiet tal-ħabs (Data tal-Kontijiet Nazzjonali, Klassifikazzjoni tal-Funzjonijiet tal-Gvern (COFOG), grupp 03.3), tabella tal-Eurostat gov_10a_exp, <http://ec.europa.eu/eurostat/data/database>


Figura 38: Nefqa totali ġenerali tal-gvern fuq il-qrati (*) (bħala perċentwali tal-PDG) (sors: Eurostat)



(*) Id-data għal ES, FR, NL u SK għall-2016 hija proviżorja.

Il-Figura 39 turi liema poter tal-Istat (il-ġudikatura, il-leġiżlatura jew l-eżekuttiv) jistabbilixxi l-kriterji għad-determinazzjoni tar-riżorsi finanzjarji għall-ġudikatura u t-tip ta' kriterji li jintużaw.

Figura 39: Kriterji għad-determinazzjoni tar-riżorsi finanzjarji għall-ġudikatura (*)⁽⁸¹⁾




(*) DK: jittieħed inkunsiderazzjoni l-għadd ta' kawżi li jidhru u ta' kawżi riżolti fil-qrati tal-prim'istanza; DE: biss għall-baġit tal-Qorti Federali Suprema — fir-rigward tal-qrati tal-prim'istanza u tat-tieni istanza; Is-sistemi ġudizzjarji jvarjaw bejn l-istati federali; EE: l-għadd ta' kawżi li jidhru u ta' kawżi riżolti għall-qrati tal-prim'istanza u tat-tieni istanza. FR: l-għadd ta' kawżi li jidhru u ta' kawżi riżolti għall-qrati tal-istanzi kollha. IT: il-Ministeru tal-Ġustizzja jiddefinixxi kriterji għall-qrati ċivili u kriminali, filwaqt li l-Kunsill għall-Ġudikatura (CPGA) jiddefinixxi kriterji għall-qrati amministrattivi. HU: il-liġi ttiprovdi illi s-salarji tal-imħallfin jridu jiġu determinati fl-att dwar il-baġit ċentrali b'mod illi l-ammont ma jridx ikunx inqas minn dak li kien is-sena ta' qabel. NL: jittieħed inkunsiderazzjoni l-għadd ta' kawżi riżolti abbażi ta' evalwazzjoni tal-ispejjeż għall-qrati.

⁸¹ Data miġbura permezz ta' kwestjonarju aġġornat imfassal mill-Kummissjoni f'assoċjazzjoni mill-qrib mal-ENCJ. It-tweġibiet minn Stati Membri mingħajr Kunsilli għall-Ġudikatura nkisbu f'kooperazzjoni man-Netwerk tal-Presidenti tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-UE.

– Ir-riżorsi umani –


Riżorsi umani adegwati huma essenzjali għall-kwalità ta' sistema ġudizzjarja. Id-diversità fost l-imħallfin, inkluż il-bilanċ bejn is-sessi, iżżid l-għarfien, il-ħiliet u l-esperjenza kumplimentari u tirrifletti r-realtà tas-soċjetà.

Figura 40: L-għadd ta' mħallfin (*) (għal kull 100 000 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)




(*) Din il-kategorija tikkonsisti minn imħallfin li jaħdmu fuq bażi full-time, skont il-metodoloġija tas-CEPEJ. Dan ma jinkludix Rechtspfleger/l-iskrivani tal-qorti li hemm f'ċerti Stati Membri. EL: l-għadd totali ta' mħallfin jinkludi l-kategoriji differenti matul is-snin kif muri hawn fuq, li parzjalment jispjega l-varjanza tagħhom. UK: il-medja peżata tat-tliet ġurisdizzjonijiet. Id-data għall-2010 tinkludi d-data għall-2012 għal UK (NI). LU: l-għadd ġie rivedut abbażi ta' metodoloġija mtejba.

Figura 41: Il-proporzjon ta' mħallfin professjonali nisa fil-qrati tal-prim'istanza u tat-tieni istanza fl-2016 (sors: studju tas-CEPEJ)




(*) UK u EL: data għall-2014.

Figura 42: Proporzjon ta' mħallfin professjonali nisa fil-Qrati Supremi fl-2017 (*) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁸²⁾)



(*) L-Istati Membri qegħdin fl-istess ordni bħal fil-Figura 41.

Figura 43: L-għadd ta' avukati (*) (għal kull 100 000 abitant) (sors: studju tas-CEPEJ)




(*) Skont il-metodoloġija tas-CEPEJ, avukat huwa persuna kkwalifikata u awtorizzata skont il-liġi nazzjonali sabiex tinvoka u taġixxi f'isem il-klijenti tagħha, sabiex tinvolvi ruħha fil-prattika tal-liġi, sabiex tidher quddiem il-qrati jew taġhti pariri u tirrappreżenta lill-klijenti tagħha fi kwistjonijiet legali (Rakkomandazzjoni Rec(2000)21 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-libertà tal-eżerċitar tal-professjoni ta' avukat).

– It-Taħriġ –

It-taħriġ ġudizzjarju huwa importanti sabiex jikkontribwixxi għall-kwalità tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji u s-servizz tal-ġustizzja li jitwassal liċ-ċittadini. Id-*data* stabbilita hawn taħt tkopri t-taħriġ ġudizzjarju f'firxa wiesgħa ta' oqsma, inkluż dwar il-komunikazzjoni mal-partijiet u l-istampa u dwar il-ħiliet ġudizzjarji. Il-maġġoranza tal-Istati Membri għadhom bl-istess tip ta' taħriġ obligatorju għall-imħallfin bħas-sena l-oħra bl-eċċezzjoni ta' ES, CY, HU u PT li estendew il-kamp ta' applikazzjoni tat-taħriġ u EL li naqqsu.


⁸² *data* tal-2017. L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, Bażi ta' *Data* tal-Istatistika dwar is-Sessi: http://eige.europa.eu/lt/gender-statistics/dgs/indicator/wmidm_jud_natert_wmid_natert_supert

Figura 44: L-imħallfin li pparteċipaw f'attivitajiet kontinwi ta' taħriġ fid-dritt tal-Unjoni jew fil-liġi ta' Stat Membru ieħor (*) (bħala perċentwal tanl-għadd totali ta' mħallfin) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea (⁸³))



(*) Il-valuri għal xi Stati Membri tnaqqsu għal skopijiet ta' preżentazzjoni (SI=243%). F'xi ftit Stati Membri il-proporzjon ta' parteċipanti jaqbeż 100 %, li jfisser li xi parteċipanti jattendu aktar minn attività waħda ta' taħriġ. DK: tinkludi l-persunal tal-qorti. AT: tinkludi prosekuturi. Id-data ta' SE hija għall-2015.


Figura 45: Is-sehem ta' taħriġ kontinwu tal-imħallfin dwar diversi tipi ta' ħiliet (*) (bħala perċentwal tal-għadd totali ta' mħallfin li jingħataw dan it-tip ta' taħriġ) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea (⁸⁴))



(*) It-tabella turi d-distribuzzjoni tal-imħallfin li pparteċipaw f'attivitajiet ta' taħriġ kontinwu (jiġifieri dawk li jseħħu wara l-perjodu ta' taħriġ inizjali sabiex wieħed isir imħallef) f'kull wieħed mill-erba' oqsma identifikati bħala perċentwal tal-għadd totali ta' mħallfin imħarrġa f'dan it-tip ta' taħriġ. L-attivitajiet ta' taħriġ legali ma jiġux ikkunsidrati. L-awtoritajiet ta' taħriġ ġudizzjarju f'MT, UK (NI) u UK (EN+WL) ma pprovdewx attivitajiet ta' taħriġ speċifiku dwar il-ħiliet magħżula. Id-data ta' SE għall-2015. Taħriġ dwar is-sengħa tal-imħallfin tkopri wkoll l-etika ġudizzjarja. AT: tinkludi l-prosekuturi. DK: tinkludi l-persunal tal-qorti.

⁸³ Id-data għall-2016 inġabret f'kooperazzjoni man-Netwerk tat-Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew u s-CEPEJ.
⁸⁴ Id-data għall-2016 inġabret f'kooperazzjoni man-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju u s-CEPEJ. "Is-sengħa tal-imħallef" tinkludi attivitajiet bħat-tmexxija tas-seduti, il-kitba tad-deċiżjonijiet jew ir-retorika.

Figura 46: Id-disponibbiltà ta' tahrìg għall-imħallfin dwar il-komunikazzjoni mal-partijiet u mal-istampa (*) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁸⁵⁾)




(*) DK: ma jingħata l-ebda tahrìg dwar il-komunikazzjoni mal-persuni li huma neqsin mid-dawl jew mis-smiġh minħabba li l-istat joffri lill-persuni neqsin mid-dawl jew mis-smiġh appoġġ f'forma ta' għodod jew assistent fl-awla tal-qorti, pereżempju interpretu għal persuna nieqsa mis-smiġh.

3.2.3. Għodod ta' valutazzjoni

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-qorti jgħinu sabiex jiġu identifikati nuqqasijiet u ħtiġijiet, u għalhekk jgħinu lis-sistema għodidjarja jżidu l-kwalità tagħha. Evalwazzjoni regolari tista' ttejjeb ir-rispons tas-sistema għodidjarja għall-isfidi attwali u futuri. Għodod adegwati tal-ICT jistgħu jipprovdu sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet f'ħin reali u jistgħu jgħinu sabiex jipprovdu statistika tal-qorti standardizzata fuq livell nazzjonali. Barra minn hekk, huma jistgħu jintużaw għall-ġestjoni tax-xogħol b'lura u tas-sistemi awtomatizzati ta' twissija bikrija. L-istħarriġ huwa essenzjali biex jiġi valutat kif is-sistemi għodidjarji joperaw mill-perspettiva tal-professjonisti legali u l-utenti tal-qorti. Segwitu adegwat tal-istħarriġ huwa prerekwiżit sabiex tittejjeb il-kwalità tas-sistemi għodidjarji.

⁸⁵ Id-data għall-2017 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi għodidjarji nazzjonali.

Figura 47: Id-disponibbiltà ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-qorti (*) (sors: studju tas-CEPEJ ⁽⁸⁶⁾)



(*) Is-sistema ta' evalwazzjoni tirreferi għall-prestazzjoni tas-sistemi tal-qorti, billi jintużaw indikaturi u miri. Fl-2016, l-Istati Membri kollha rrapportaw li kellhom sistema li tippermettilhom jissorveljaw l-għadd ta' kawżi li jidħlu u n-numru ta' deċiżjonijiet mogħtija, kif ukoll it-tul tal-proċedimenti li jagħmlu dawn il-kategoriji superfluwi għall-figura t'hawn fuq. Bl-istess mod, il-ħidma aktar profonda fuq l-istandards tal-kwalità ssostitwixxiet l-użu ta' tagħhom bħala kategorija ta' evalwazzjoni. Data dwar "elementi oħra" tinkludi pereżempju rati ta' għeluq tal-kawżi (AT, FR), l-għadd ta' kawżi appellati u l-proċeduri ta' infurzar (ES), l-eżitu tal-kawża, pereżempju ssodisfar totali jew parzjali (SK), kundanni finali (RO) u l-għadd ta' sessjonijiet tal-qorti (PL).

Figura 48: Id-disponibbiltà tal-ICT għall-ġestjoni tal-kawżijiet u l-istatistika dwar l-attivitajiet tal-qorti (0 = disponibbli f'0 % tal-qorti, 4 = disponibbli f'100 % tal-qorti ⁽⁸⁷⁾) (sors: studju tas-CEPEJ)





Figura 49: Suġġetti ta' sħarriġ li saru fost l-utenti tal-qorti jew il-professionisti legali (*) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁸⁸⁾)

⁸⁶ data tal-2016.


⁸⁷ data tal-2016. Ir-rata tat-tagħmir minn 100% (tagħmir kompletament attiv) għal 0% (tagħmir ma jeżistix) tindika l-preżenza funzjonali fil-qorti tat-tagħmir kopert mill-grafika, skont l-iskala li ġejja: 100 % = 4 punti jekk applikabbli għall-kwistjonijiet kollha / 1.33 punti għal kull kwistjoni speċifika; 50-99 % = 3 punti jekk applikabbli għall-kwistjonijiet kollha / 1 punt għal kull kwistjoni speċifika; 10-49 % = 2 punti jekk applikabbli għall-kwistjonijiet kollha / 0.66 punt għal kull kwistjoni speċifika; 1-9 % = 1 punt jekk applikabbli għall-kwistjonijiet kollha / 0.33 punt għal kull kwistjoni speċifika; Il-materja tirrigwardja t-tip ta' litigazzjoni ġestita (ċivili/kummerċjali, kriminali, amministrattiva jew oħra).

⁸⁸ Id-data għall-2017 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi għodżjarji nazzjonali.



(*) L-Istati Membri ngħataw punt wieħed għal kull suġġett tal-istħarriġ irrispettivament minn jekk l-istħarriġ twettaqx fil-livell nazzjonali, reġjonali jew tal-qorti. "Suġġetti oħrajn" jinkludu: l-adeqwatezza tal-bini fir-rigward tad-drittijiet tal-vittmi u tal-persuni b'diżabbiltà (MT). Id-disponibbiltà tal-informazzjoni tal-qorti onlajn (DK). Id-dritt li wieħed jinstema', struzzjonijiet dwar rimedji legali (DE). Din il-kategorija tkopri wkoll stħarriġ fost il-persunal tal-qorti, pereżempju dwar l-organizzazzjoni tal-qorti (IE), ir-riżorsi umani (IE, MT), l-integrità tal-imħallfin (HU), l-ammont ta' xogħol (MT). Il-profil tal-proprjetà tal-ġudikatura (AT), l-istruttura tal-karrieri u l-għażliet ta' taħriġ (DE). Is-suġġett "sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet" ma ġiex inkluż fl-istħarriġ fl-ebda Stat Membru fil-perjodu rispettiv. BE ma wettaqx stħarriġ fl-2014.

Figura 50: Is-segwitu ta' stħarriġ li sar fost l-utenti tal-qorti jew il-professjonisti legali (*) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea (89))



(*) L-Istati Membri ngħataw punt wieħed għal kull tip ta' segwitu. Il-kategorija "segwitu ieħor speċifiku" inkludiet: il-kontribut fl-istrategġja tas-servizzi onlajn tas-servizzi tal-qrati (IE), it-tagħrif dwar id-deliberazzjonijiet tal-Grupp ta' Reviżjoni tas-Servizzi ta' Probazzjoni (IE), l-evalwazzjoni tal-użu ta' portal onlajn fir-rigward tal-qrati tat-taxxa u dawk amministrattivi (PT), l-editjar tas-sit web eżistenti (DK).


3.2.4. L-Istandards

L-istandards jistgħu jgħollu l-kwalità tas-sistemi ġudizzjarji. Wara l-eżaminazzjoni tal-istandards dwar it-twaqqit u l-informazzjoni lill-partijiet fl-edizzjoni preċedenti, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2018 tiffoka fuq il-perjodi ta' żmien u x-xogħol b'lura bħala għodda ta' ġestjoni fil-ġudikatura (90). Il-Figura 51 tippreżenta ħarsa ġenerali lejn liema Stati Membri jużaw l-istandards dwar il-limiti ta' żmien, il-perjodi taż-żmien u x-xogħol b'lura. Il-limiti ta' żmien huma skadenzi kwantitattivi, pereżempju għadd massimu ta' jiem bejn ir-reġistrazzjoni ta' kawża sal-ewwel seduta ta' smiġh. Il-perjodi ta' żmien huma miri/prattiki li jistgħu jitkejlu, pereżempju, li jispeċifikaw sehem definit minn qabel ta' kawżi li jridu jitlestew f'ċertu perjodu ta' żmien partikolari. L-istandards dwar ix-xogħol b'lura koperti fil-Figura 51 ifissru jekk teżistix definizzjoni dwar meta kawża pendenti titqies bħala xogħol b'lura. Il-Figura 52 tippreżenta liema korpi jistabbilixxu, jimmonitorjaw u jsegwu l-istandards dwar il-perjodi ta' żmien u l-Figura 53 turi ċerti aspetti aktar dettaljati dwar l-issetjar, il-monitoraġġ u s-segwitu tax-xogħol b'lura.

⁸⁹ Id-data għall-2017 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali.

⁹⁰ Fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE, l-istandards dwar il-limiti ta' żmien u l-perjodi ta' żmien imorru lil hinn mid-dritt għal smiġh fi żmien raġonevoli kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Figura 51: Standards dwar it-twaqqit (*) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁹¹⁾)




(*) L-Istati Membri ngħataw punt wieħed jekk huma ddefiniti l-istandards, irrispettivament mill-qasam (ċivili/kummerċjali, amministrattiv, jew oħrajn).

Il-Figura 52 tiffoka fuq il-perjodi ta' żmien, li jistgħu jkunu għodda ta' ġestjoni effettiva fil-ġudikatura, peress li dawn jgħinu sabiex jiġu identifikati kwistjonijiet potenzjali dwar l-effiċjenza u jgħinu sabiex jinstabu soluzzjonijiet (pereżempju riżorsi umani jew finanzjarji addizzjonali, riorganizzazzjoni tal-proċess tal-ġestjoni tal-qorti, għajjnuna temporanja lil qorti). Il-figura turi l-kompetenzi tal-poteri differenti tal-istat sabiex jistabbilixxi, jimmonitorja u jsegwi l-istandards dwar il-perjodi ta' żmien.


⁹¹ Id-data għall-2017 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali.

Figura 52: L-iffissar u l-monitoraġġ tal-istandards dwar il-perjodi ta' żmien (*) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁹²⁾)



* L-Istati Membri huma ppreżentati skont l-ordni fil-Figura 52. L-iffissar tal-istandards “skont il-parlament” jindika li ċertu standard jiġi stabbilit biss fil-liġi. L-“eżekuttiv” jinkludi l-istituzzjonijiet taħt kontroll dirett jew indirett mill-gvern. “Oħrajn” tirreferi għall-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura f’HU, immexxi mill-president tiegħu elett minn maġġoranza kwalifikata tal-Parlament minn fost imħallfin għal perjodu ta’ disa’ snin. Il-“ġudikatura” tinkludi l-korpi bħal l-presidenti tal-qorti, il-Kunsilli għall-Ġudikatura, il-korpi tal-imħallfin. BE: Abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-2014, l-istandards dwar il-perjodi ta’ żmien huma mistennija li jsiru effettivi fl-2019. FR: Il-Kunsill tal-Istat (Conseil d’Etat) jimmonitorja r-rispett tal-istandards dwar il-perjodi ta’ żmien li jikkonċernaw kawżi amministrattivi. HU: L-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura huwa involut fl-issettjar, il-monitoraġġ u s-segwitu tal-istandards dwar il-perjodi ta’ żmien.

Figura 53: Xogħol b'lura: definizzjoni, monitoraġġ u segwitu awtomatiċi (*) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁹³⁾)



*Diversi Stati Membri indikaw li dawn m’għandhomx sistema awtomatika għas-segwitu tax-xogħol b’lura, inklużi struzzjonijiet li jistgħu jiġu introdotti manwalment (DK, MT, ES). DE indikat li jeżistu sistemi differenti fil-livell tal-istat federali, bħas-sistema ta’ informazzjoni bbażata fuq l-indikaturi KISS fil-Bavarja, inklużi l-indikazzjonijiet tad-dawl tat-traffiku u twissijiet bikrija. LT: is-sistema tal-informazzjoni mal-qorti LITEKO hija pplanata li tintruduci b’mod gradwali tali sistema awtomatika fl-2018. BE: l-istandards dwar ix-xogħol b’lura ma jinkludux definizzjoni, monitoraġġ jew segwitu awtomatiċi.


⁹² Id-data għall-2017 inġabret f’kooperazzjoni mal-grupp ta’ persuni ta’ kuntatt dwar is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali.

⁹³ Id-data għall-2017 inġabret f’kooperazzjoni mal-grupp ta’ persuni ta’ kuntatt dwar is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali.

– Informazzjoni lill-partijiet –

Il-Figura 54 turi l-istandards dwar kif jiġu infurmati l-partijiet u t-tip ta' informazzjoni li jirċievu fuq il-progress tal-kawża tagħhom. Ċerti Stati Membri għandhom sistema b'notifika awtomatika permezz ta' posta elettronika jew SMS li tipprovi informazzjoni dwar id-dewmien, l-iskedi ta' żmien jew il-progress ġenerali tal-kawża. Oħrajn sempliċement jagħtu aċċess onlajn għall-informazzjoni matul il-kawża, filwaqt li wħud iħallu f'idejn id-diskrezzjoni tal-qrati.

Figura 54: Standards dwar l-informazzjoni dwar il-progress tal-kawża (*) (sors: Il-Kummissjoni Ewropea ⁽⁹⁴⁾)



■ Skeda tal-proċeduri tal-qorti ■ Informazzjoni dwar dewmien ■ Informazzjoni dwar il-progress ta' każ ■ Oħrajn

(*) L-Istati Membri ngħataw punti skont il-metodu użat sabiex jipprovdu kull tip ta' informazzjoni. 1,5 punti għal notifika awtomatika permezz ta' posta elettronika jew SMS, 1 punt għal aċċess onlajn matul il-kawża, 0,5 punti għal kull informazzjoni mogħtija fuq talba mill-partijiet, b'diskrezzjoni tal-qorti jew kwalunkwe metodu ieħor użat. LU: data għall-2016. MT: Aċċess kontinwu għad-dokumentazzjoni relattiva mal-kawża ċivili huwa disponibbli permezz tas-sistema "myCases". SI: Il-president tal-qorti jista' jordna trattament ta' prijetà ta' kawża jew jordna li jitwettqu atti proċedurali sabiex jiġi evitat id-dewmien f'każ ta' applikazzjoni ġustifikata tal-parti u tiġi informata l-parti. Ir-Regoli l-ġodda tal-Qrati jipprevedu l-obbligu għall-qrati li jippermettu li tingħata stampa onlajn tad-data rreġistrata f'sistemi tar-reġistru tal-kawża. Dan għad irid jiġi implimentat.

3.2.5. Sommarju dwar il-kwalità tas-sistemi ġudizzjarji

Aċċess faċli, riżorsi adegwati, għodod ta' valutazzjoni effettivi u standards xierqa huma fatturi ewlenin li jikkontribwixxu għal kwalità għolja tas-sistemi ġudizzjarji. Deċiżjonijiet ta' kwalità għolja huwa dak li ċ-ċittadini u n-negozji qegħdin jistennew minn sistema ġudizzjarja effettiva. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2018 tiżviluppa l-eżaminazzjoni kumparattiva tagħha ta' dawn il-fatturi.

L-aċċessibilità

Din l-edizzjoni teżamina l-elementi li jikkontribwixxu għal sistema ġudizzjarja li tiffavorixxi liċ-ċittadini.

- Kważi l-Istati Membri kollha jipprovdu **informazzjoni onlajn** dwar is-sistema ġudizzjarja tagħhom, inkluż portal tal-web ċentralizzat b'formoli online u edukazzjoni dwar id-drittijiet legali (Figura 25). Id-differenzi jidheru dwar il-kontenut tal-informazzjoni u kemm dawn

⁹⁴ Id-data għall-2017 inġabret f'kooperazzjoni mal-grupp ta' persuni ta' kuntatt dwar is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali.

huma adegwati fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-persuni. Pereżempju, tmien Stati Membri biss jipprovdu għodda onlajn interattiva li tippermetti lill-persuni jsiru jafu jekk humiex eliġibbli għall-għajnuna legali. Filwaqt li informazzjoni għal kelliema mhux nattivi hija disponibbli fil-maġġoranza tal-Istati Membri, inqas minn nofs jipprovdu informazzjoni mmirata speċifikament lejn it-tfal u lejn persuni neqsin mid-dawl jew mis-smiġh.

- **Id-disponibbiltà tal-għajnuna legali u l-livell tat-tariffi tal-qrati** għandhom impatt ewlieni fuq l-aċċess għall-ġustizzja, b'mod partikolari għall-persuni li jgħixu fil-faqar. Il-Figura 26 turi li, f'xi Stati Membri, il-konsumaturi li l-introjtu tagħhom huwa taħt il-livell limitu tal-Eurostat għall-faqar ma jirċievu ebda għajnuna legali. Matul is-snin, l-għajnuna legali saret inqas aċċessibbli f'xi Stati Membri peress li l-livell limitu tal-introjtu għall-għajnuna legali baqa' ma nbidilx filwaqt li l-livell tal-faqar żdied. Il-livell tat-tariffi tal-qrati (Figura 27) baqa' fil-parti l-kbira tiegħu stabbli sa mill-2016. Madankollu, id-diffikultà li wieħed jibbenefika minn għajnuna legali flimkien ma' livelli parzjalment sinifikanti ta' tariffi tal-qrati f'xi Stati Membri jistgħu jkollhom effett dissważiv fuq il-persuni foqra biex jaċċessaw il-ġustizzja.
- **Id-disponibbiltà tal-mezzi elettroniċi** matul il-proċedura ġudizzjarja tikkontribwixxi għal aċċess aktar faċli għall-ġustizzja u għat-tnaqqis tad-dewmien u l-ispejjeż. Il-Figura 28 turi li f'aktar minn nofs l-Istati Membri, is-sottomissjoni elektronika tat-talbiet mhijiex implimentata jew hija possibbli biss f'estent limitat u mhux l-Istati Membri kollha jippermettu li jiġi segwit il-progress tal-proċedimenti tal-qrati onlajn.

Madankollu, dwar il-kwalità ta' proċeduri għal talbiet zġhar onlajn, sett ta' għodod konsiderevoli huwa disponibbli fil-maġġoranza tal-Istati Membri (Figura 29). Stħarriġ dwar l-użu attwali tal-ICT bejn il-qrati u l-avukati juri li l-għodda tal-ICT jintużaw ħafna f'12 minn 22 Stat Membru koperti mill-istħarriġ (Figura 30). Dawn jintużaw l-aktar għall-komunikazzjoni ġenerali mal-qrati, filwaqt li l-firem tad-dokumenti u s-sottomissjonijiet tat-talbiet, iċ-ċitazzjonijiet u l-provi jsiru inqas spiss b'mezzi elettroniċi. Meta mqabbel mal-istħarriġ tas-sena l-oħra, għadd akbar ta' avukati rrapportaw li l-użu tal-ICT huwa obbligatorju fil-pajjiż tagħhom. B'mod ġenerali, il-livell irrapportat ta' esperjenza pożittiva naqas filwaqt li n-nuqqas ta' fiduċja rrapportat żdied.

- Meta mqabbel ma' snin preċedenti, l-**aċċess onlajn għas-sentenzi tal-qrati** tjiieb f'għadd ta' Stati Membri (Figura 33). Madankollu, hemm lok għal titjib, peress li 16-il Stat Membru biss jippubblikaw is-sentenzi kollha ċivili/kummerċjali u amministrattivi tal-ogħla istanza, filwaqt li dawn id-deċiżjonijiet għandhom rwol importanti għall-konsistenza tal-ġurisprudenza. Peress li diversi arranġamenti għal pubblikazzjoni onlajn (Figura 34) jistgħu jiffaċilitaw tiftix għal ġurisprudenza rilevanti, l-itteggjar ta' sentenzi bi kliem ewlieni u użu akbar tal-Identifikatur Ewropew tal-Każistika (ECLI) jistgħu jiġu żviluppjati ulterjorment.
- Il-maġġoranza tal-Istati Membri komplew jippromwovu l-użu volontarju ta' **metodi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR)** (Figura 35) għal tilwim privat meta mqabbel mas-snin preċedenti. Primarjament, dan jintlaħaq billi jiġu introdotti aktar inċentivi għall-użu tal-ADR fost oqsma differenti tal-liġi. Fil-liġi tal-konsumatur, żieda ċara fl-użu tal-pjattaforma għas-soluzzjoni onlajn għat-tilwim (ODR) stabbilita riċentement hija viżibbli fl-Istati Membri kollha (Figura 36).
- Indikatur ġdid (Figura 32) juri li l-qrati fl-istanzi kollha **jużaw il-midja soċjali** biex jikkomunikaw dwar il-ħidma tagħhom f'terz tal-Istati Membri, filwaqt li fi Stati Membri oħra l-midja soċjali tintuża biss f'xi istanzi tal-qrati jew ma tintuża bl-ebda mod.

Riżorsi

Sistemi ġudizzjarji ta' kwalità għolja fl-Istati Membri jirrikjedu livelli adegwati ta' riżorsi finanzjarji u umani, taħriġ inizjali xieraq u kontinwu kif ukoll diversità fost l-imħallfin, inkluż bilanċ bejn is-sessi. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2018 turi dan li ġej:

- F'termini ta' **riżorsi finanzjarji**, id-*datadata* turi li fl-2016, b'mod ġenerali, in-nefqa ġenerali tal-gvern fuq is-sistema ġudizzjarja baqgħet stabbli fil-maġġoranza tal-Istati Membri filwaqt li jippersistu differenzi sinifikanti fl-ammonti allokat (Figuri 37 u 38). Stat Membru wieħed biss li jaffaċċja sfidi partikolari naqqas in-nefqa, filwaqt li għadd ta' Stati Membri żiedu l-baġit tagħhom. L-Istati Membri ġeneralment jużaw l-ispiża storika jew attwali biex jiddeterminaw ir-riżorsi finanzjarji għall-ġudikatura minflok jistrieħu fuq il-piż tax-xogħol attwali jew it-talbiet tal-qorti (Figura 39).
- B'mod ġenerali, il-livell ta' **bilanċ bejn is-sessi fost l-imħallfin** fil-qrati tal-ewwel jew tat-tieni istanza baqa' adegwat (Figura 41). Il-proporzjon tan-nisa huwa ġeneralment ferm inqas fil-Qrati Supremi meta mqabbel ma' istanzi tal-qrati aktar baxxi (Figura 42), iżda dan żdied f'madwar terz tal-Istati Membri meta mqabbel ma' snin preċedenti.
- Fir-rigward tat-**taħriġ tal-imħallfin**, filwaqt li l-maġġoranza tal-Istati Membri jipprovdu taħriġ kontinwu fid-dritt tal-Unjoni, il-liġi ta' Stat Membru ieħor u dwar is-sengħa tal-imħallfin, huma inqas dawk l-Istati Membri li joffru taħriġ dwar il-ħiliet fl-IT, il-ġestjoni tal-qrati u l-etika ġudizzjarja (Figuri 45 u 46). It-taħriġ dwar il-komunikazzjoni mal-partijiet huwa offrut fil-maġġoranza tal-Istati Membri (Figura 46). Madankollu, jeħtieġ li jiġu intensifikati l-isforzi sabiex l-imħallfin jiġu mħarrġa fil-komunikazzjoni ma' gruppi speċifiċi ta' partijiet (inklużi persuni neqsin mid-dawl jew mis-smiġ) meta jittrattaw Prattiki sensitivi għall-ġeneru fi proċedimenti ġudizzjarji, u dwar ir-rwol tal-interpreti.

Għodod ta' valutazzjoni

- Il-**monitoraġġ u l-evalwazzjoni** tal-attivitajiet tal-qrati (Figura 48) jeżistu fl-Istati Membri kollha. Ġeneralment, dawn jinkludi indikaturi differenti tal-prestazzjoni u tal-kwalità u rapportar regolari. Kważi l-Istati Membri kollha jimmonitorjaw l-għadd u t-tul tal-kawżi tal-qrati u għandhom sistemi ta' evalwazzjoni regolari. Meta mqabbla mas-snin preċedenti, diversi Stati Membri estendew il-monitoraġġ għal elementi aktar speċifiċi u xi wħud involvew membri tal-persunal aktar speċjalizzati għall-kwalità.
- Il-potenzjal sħiħ tas-**sistemi ta' ġestjoni tal-kawżi tal-ICT** għad irid jintlaħaq f'bosta Stati Membri (Figura 48). Tali sistema għandha sservi diversi skopijiet, inkluż li tiġġenera statistika, u li tiġi implimentata b'mod konsistenti fis-sistema ġudizzjarja kollha kemm hi. Pereżempju, f'xi Stati Membri, l-għodod tal-ICT ma jittrattawx il-ġestjoni tax-xogħol b'lura, inkluża l-identifikazzjoni ta' kawżi partikolarment antiki. B'kuntrast ma' dan, ċerti Stati Membri għandhom sistemi ta' twissija bikrija maħsuba sabiex jiskopru problemi jew nuqqas ta' konformità mal-istandards tal-ipproċessar tal-kawżi, li jippermettu li jinstabu soluzzjonijiet f'waqthom. F'xi Stati Membri, għadu mhux possibbli li jiġi żgurat il-ġbir tad-*datadata* fuq livell nazzjonali fl-oqsma kollha tal-ġustizzja.
- L-**użu tal-istħarriġ** fost l-utenti tal-qrati u l-professjonisti legali (Figura 49) żdied, b'aktar minn nofs l-Istati Membri jwettqu stħarriġ u jespandu l-firxa tas-suġġetti fl-2016. L-aċċessibbiltà, is-servizz lill-klijenti, is-seduti tas-smiġ u s-sentenzi tal-qrati, kif ukoll il-fiduċja ġenerali fis-sistema ġudizzjarja baqgħu s-suġġetti ewlenin tal-istħarriġ. Xi ftit Stati Membri investigaw ukoll is-sodisfazzjon tal-gruppi bi bżonnijiet speċjali, b'mod partikolari l-persuni neqsin mid-dawl, it-tfal u dawk li ma jirkomunikawx il-lingwa nattiva. Kważi l-Istati Membri kollha li użaw l-istħarriġ żguraw ukoll segwitu (Figura 50), filwaqt li l-estent tas-segwitu kompli jvarja bil-bosta. Ġeneralment, ir-riżultati ġew ippubblikati u inklużi f'rapporti, filwaqt li f'nofs l-Istati Membri, ir-riżultati tal-istħarriġ wasslu għal tibdiliet fil-

funzjonament tal-qradi.

L-Istandards

L-istandards jistgħu jgħollu l-kwalità tas-sistemi ġudizzjarji. Din l-edizzjoni tkompli teżamina f'akar dettall ċerti standards li għandhom l-għan li jtejbu t-twaqqit tal-proċedimenti u l-informazzjoni mogħtija lill-partijiet.

- Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jużaw **standards dwar it-twaqqit**. Madankollu, ċerti Stati Membri li jiffaċċjaw sfidi partikolari fuq l-effiċjenza bħalissa mhumiex qed jużaw dawn l-istandards. L-istandards li jistabbilixxu l-perjodi ta' żmien (pereżempju żmien fiss mir-reġistrazzjoni ta' kawża sal-ewwel seduta ta' smiġ) huma mifruxa ħafna, filwaqt li daww dwar skadenza ta' żmien (pereżempju li jispeċifikaw proporzjon definit minn qabel ta' kawża li jridu jitlestew sa ċertu żmien) u x-xogħol b'lura jintużaw inqas (Figura 51).
- Din l-edizzjoni teżamina l-estent sa fejn il-ġudikatura hija responsabbli jew involuta bis-siġħ fl-istabbiliment u l-monitoraġġ ta' standards sabiex tiġi evitata interferenza bla bżonn mill-eżekuttiv. Din turi li fil-parti l-kbira tagħhom, il-**perjodi ta' żmien** (Figura 52) huma stabbiliti mill-ġudikatura jew f'kooperazzjoni mal-eżekuttiv. Il-monitoraġġ tal-perjodi ta' żmien jaq' primarjament taħt ir-responsabbiltà tal-ġudikatura. In-nuqqas ta' konformità mal-perjodi ta' żmien jista' jwassal għal diversi tipi ta' segwitu, jew mill-ġudikatura jew, ħafna drabi mill-ġudikatura u l-eżekuttiv.
- L-istandards dwar ix-**xogħol b'lura** (Figura 53) huma għodda siewja li tista' tikkontribwixxi għal ġestjoni aħjar tal-kawżi u effiċjenza mtejba. Il-maġġoranza tal-Istati Membri għandhom standards dwar ix-xogħol b'lura, iżda l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom ivarja b'mod konsiderevoli. Filwaqt li l-maġġoranza tal-Istati Membri għandhom proċeduri biex jindirizzaw ix-xogħol b'lura permezz ta' firxa ta' miżuri, nofs l-Istati Membri biss għandhom definizzjoni sostantiva dwar meta kawża pendenti titqies bħala xogħol b'lura. Madwar terz tal-Istati Membri għandhom sistemi għas-segwitu tax-xogħol b'lura, li awtomatikament jibagħtu twissijiet dwar il-kawżi pendenti ta' ċertu żmien jew ladarba x-xogħol b'lura jilħaq ċertu perċentwal tal-kawżi kollha.
- Il-maġġoranza tal-Istati Membri għandhom standards dwar kif il-**partijiet jiġu infurmati dwar il-progress tal-kawża tagħhom**, l-iskeda ta' żmien tal-qorti jew id-dewmien potenzjali (Figura 54). Meta mqabbla mas-sena l-oħra, ftit Stati Membri tejbu dawn l-istandards. Id-differenzi bejn l-Istati Membri huma relatati primarjament mal-metodi użati. Ċerti Stati Membri għandhom sistema b'notifika awtomatika permezz ta' posta elettronika jew SMS li tipprova informazzjoni dwar id-dewmien, l-iskedi ta' żmien jew il-progress ġenerali tal-kawża. Oħrajn sempliċement jagħtu aċċess onlajn għall-informazzjoni matul il-kawża, filwaqt li wħud iħallu f'idejn id-diskrezzjoni tal-qradi. Mill-perspettiva tal-persuni li jaċċessaw il-ġustizzja, l-informazzjoni awtomattizzata mill-qradi hija preferibbli għal dik li tirrikjedi azzjoni mill-partijiet.